Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14720/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0359(NLE)**

PECHE 478

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 25 ta' Ottubru 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 587 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward tal-istokkijiet tal-baħar fond |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 587 final.

Mehmuż: COM(2023) 587 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.10.2023
COM(2023) 587 final

2023/0359 (NLE)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward tal-istokkijiet tal-baħar fond**

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Ir-regolamenti kollha dwar l-opportunitajiet tas-sajd iridu jillimitaw il-ħsad tal-istokkijiet tal-ħut għal livelli li huma konsistenti mal-objettivi kumplessivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS). Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013[1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Politika Komuni tas-Sajd ("ir-Regolament Bażiku") jistabbilixxi l-objettivi għal-limiti ta' qbid u tal-isforz tas-sajd sabiex ikun żgurat li s-sajd tal-UE jkun sostenibbli ekoloġikament, ekonomikament u soċjalment. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw ir-Regolament (UE) 2018/973[2] u r-Regolament (UE) 2019/472[3] li jistabbilixxu pjanijiet pluriennali (MAPs) għall-Baħar tat-Tramuntana u għall-Ilmijiet tal-Punent li jispeċifikaw għal ċerti stokkijiet kif għandhom jintlaħqu dawk l-objettivi meta jiġu stabbiliti l-limiti tal-qbid.

L-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti għall-biċċa l-kbira tal-istokkijiet kull sena u għal ċerti stokkijiet kull sentejn sa 3 snin.

Uħud mill-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti mill-UE, filwaqt li xi wħud għandhom jiġu stabbiliti wara konsultazzjonijiet multilaterali jew bilaterali ma' pajjiżi mhux tal-UE. Kemm l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti mill-UE kif ukoll l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti wara konsultazzjonijiet multilaterali jew bilaterali huma allokati fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju tal-istabbiltà relattiva.

Din il-proposta għandha l-għan li tistabbilixxi opportunitajiet tas-sajd għal ċerti:

– stokkijiet li għalihom l-opportunitajiet tas-sajd huma stabbiliti mill-UE;
– stokkijiet li huma: (i) ġestiti b'mod konġunt mar-Renju Unit fil-Baħar tat-Tramuntana u l-Ilmijiet tal-Majjistral, inklużi l-istokkijiet tal-baħar fond f'dawn iż-żoni; (ii) ġestiti b'mod konġunt man-Norveġja u mar-Renju Unit fil-Baħar tat-Tramuntana; (iii) ġestiti b'mod konġunt man-Norveġja fis-Skagerrak-Kattegat; jew (iv) soġġetti għal konsultazzjonijiet mal-Istati kostali tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC);
– stokkijiet ġestiti minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs); u
– stokkijiet fl-ilmijiet ta' pajjiżi mhux tal-UE.

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

[2] Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

[3] Ir-Regolament (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet mistada fl-Ilmijiet tal-Punent u fl-ilmijiet tal-madwar, u għas-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, u li jemenda r-Regolamenti (UE) 2016/1139 u (UE) 2018/973, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007 u (KE) Nru 1300/2008 (ĠU L 83, 25.3.2019, p. 1).

Għadd ta' opportunitajiet tas-sajd f'din il-proposta huma mmarkati bħala "*pm*" (*pro memoria*), minħabba li:

– il-parir xjentifiku għal xi stokkijiet awtonomi tal-UE kien għadu mhux disponibbli meta ġiet adottata l-proposta; jew

– ċerti limiti ta' qbid u rakkomandazzjonijiet oħrajn mingħand l-RFMOs rilevanti huma pendenti, peress li l-laqgħat annwali tagħhom għadhom ma sarux; jew

– sakemm jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet multilaterali jew bilaterali ma' ċerti pajjiżi mhux tal-UE, iċ-ċifri għadhom ma humiex disponibbli għal: (i) stokkijiet fl-ilmijiet ta' pajjiżi mhux tal-UE; (ii) stokkijiet ġestiti b'mod konġunt ma' pajjiżi mhux tal-UE; u (iii) opportunitajiet tas-sajd skambjati ma' pajjiżi mhux tal-UE.

**Approċċ sabiex jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd**

Kull sena, il-Kummissjoni tippubblika komunikazzjoni li tipprovdi ħarsa ġenerali lejn il-qagħda tal-istokkijiet ibbażata fuq parir xjentifiku, u li tispjega l-approċċ tagħha sabiex tipproponi opportunitajiet tas-sajd. L-aktar komunikazzjoni annwali reċenti hija intitolata *Sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2024* (COM(2023) 303).

Il-Kummissjoni tipproponi opportunitajiet tas-sajd li huma bbażati fuq parir xjentifiku u f'konformità mal-approċċ deskritt fil-komunikazzjoni annwali.

Bejn il-31 ta' Mejju u t-30 ta' Ġunju 2023, bħala tweġiba għat-talba tal-Kummissjoni, il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) ipprovda l-parir xjentifiku annwali jew pluriennali tiegħu dwar għadd ta' stokkijiet awtonomi tal-UE koperti minn din il-proposta[4].

Il-parir xjentifiku tal-ICES essenzjalment jiddependi minn *data*:

(i) għall-istokkijiet li għalihom huma disponibbli settijiet ta' *data* komprensivi, li jippermettu valutazzjonijiet analitiċi sħaħ, skont l-età/it-tul, l-ICES jipproduċi stimi tad-daqsijiet tal-istokkijiet u previżjonijiet dwar kif diversi xenarji ta' sfruttament se jaffettwaw dawn id-daqsijiet ta' stokkijiet (tabelli tax-xenarji tal-qbid). Abbażi ta' dan, l-ICES jistma aġġustamenti għall-opportunitajiet tas-sajd li se jġibu l-istokk f'livell li jista' jipproduċi r-rendiment massimu sostenibbli (MSY);

(ii) għall-istokkijiet li għalihom hija disponibbli inqas *data*, l-ICES ma jipprovdix xenarji ta' qbid iżda jidentifika xejriet aktar fit-tul fir-reklutaġġ, fil-bijomassa u fil-mortalità mis-sajd. Abbażi ta' dan, l-ICES jistma l-opportunitajiet tas-sajd f'konformità mal-MSY, abbażi ta' indikaturi; u

(iii) għal stokkijiet oħrajn li għalihom hija disponibbli *data* limitata, meta jagħti pariri dwar il-livell ta' opportunitajiet tas-sajd, l-ICES jiddependi mill-approċċ prekawzjonarju u japplika ċerta metodoloġija[5].

Il-valutazzjonijiet tal-ICES għall-istokkijiet fil-punti (i) u (ii) jissejħu "valutazzjoni analitika" u l-parir jissejjaħ "parir dwar l-MSY". Il-valutazzjonijiet għall-istokkijiet fil-punt (iii) jissejħu "valutazzjoni prekawzjonarja" u l-parir jissejjaħ "parir ta' prekawzjoni".

[4] https://www.ices.dk/advice/Pages/Latest-Advice.aspx

[5] Ara b'mod partikolari d-dokument *ICES approach to advice on fishing opportunities*; https://doi.org/10.17895/ices.advice.22240624.v1

Għall-istokkijiet fil-punt (i), l-ICES jippubblika parir kull sena. Madankollu, għall-istokkijiet fil-punti (ii) u (iii), l-ICES la jwettaq valutazzjoni tal-istokk u lanqas jippubblika parir fuq bażi annwali.

Għall-istokkijiet fil-punt (ii), l-ICES jivvaluta x-xejriet aktar fit-tul. Għalhekk, l-ICES iqis li s-sitwazzjoni vvalutata tal-istokk ma hijiex se tkun soġġetta għal bidliet kbar matul il-perjodu tal-għoti tal-pariri. Għall-istokkijiet fil-punt (iii), l-ICES jiddependi minn approċċ prekawzjonarju. Għall-istokkijiet fiż-żewġ punti (ii) u (iii), il-parir ippubblikat mill-ICES huwa l-aħjar parir xjentifiku disponibbli għall-perjodu kollu tal-għoti ta' parir. Għall-istokkijiet awtonomi tal-UE li għalihom l-ICES jippubblika parir li jibqa' validu għal diversi snin, il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li tistabbilixxi qabdiet totali (TACs) annwali li jkopru l-perjodu kollu tal-għoti ta' parir, jiġifieri perjodu ta' sentejn sa 3 snin (TACs pluriennali).

L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet awtonomi tal-UE li għalihom għadu ma huwiex disponibbli parir xjentifiku se jiġu proposti ladarba dan il-parir xjentifiku jsir disponibbli.

Bl-istess mod, l-opportunitajiet tas-sajd għal stokkijiet oħrajn se jiġu inklużi f'din il-proposta fid-dawl tal-eżitu tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi mhux tal-UE jew tal-laqgħat annwali tal-RFMOs. Fir-rigward ta' dawk il-konsultazzjonijiet u l-laqgħat annwali tal-RFMOs, il-Kummissjoni tipproponi, u l-Kunsill jadotta, pożizzjonijiet tal-UE, li għandhom jiġu espressi f'isem l-UE, f'konformità mal-approċċ deskritt fil-komunikazzjoni annwali. Fil-każ ta' konsultazzjonijiet bilaterali mar-Renju Unit dwar stokkijiet kondiviżi u fil-każ ta' laqgħat annwali tal-RFMOs, il-Kummissjoni tipproponi, u l-Kunsill jadotta, speċifikazzjonijiet tal-pożizzjonijiet pluriennali[6].

[6] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli (ĠU L 378, 26.10.2021, p. 6).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/865 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC), u li tħassar id-Deċiżjoni tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fin-NEAFC (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 60).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/868 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li tħassar id-Deċiżjoni tat-8 ta' Lulju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fl-ICCAT (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 78).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/867 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR), u li tħassar id-Deċiżjoni tal-24 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fis-CCAMLR (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 72).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/860 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC), u li tħassar id-Deċiżjoni tad-19 ta' Mejju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fl-IOTC (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 33).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/859 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO), u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fis-SPRFMO (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 27).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/812 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC), u l-Laqgħa tal-Partijiet għall-Ftehim dwar il-Programm Internazzjonali għall-Konservazzjoni tad-Delfini, u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fl-IATTC (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 13).

Filwaqt li l-konsultazzjonijiet għadhom għaddejjin u l-laqgħat annwali tal-RFMOs għadhom pendenti jew il-parir xjentifiku għadu ma huwiex disponibbli, it-test tal-premessi u d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194[7] huma inklużi f'din il-proposta f'parentesi kwadri u l-opportunitajiet tas-sajd huma mmarkati bħala *pm*.

Ladarba jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet mal-pajjiżi mhux tal-UE u tkun saret il-laqgħa annwali tal-RFMOs rilevanti jew isir disponibbli l-aktar parir xjentifiku disponibbli reċenti, din il-proposta se tiġi aġġornata permezz ta' dokumenti informali tas-servizzi tal-Kummissjoni li se jsiru parti integrali minn din il-proposta.

It-TACs għall-istokkijiet tal-baħar fond kondiviżi mar-Renju Unit għall-2024 ġew inklużi fir-Regolament (UE) 2023/194 iżda ġew immarkati bħala "għad iridu jiġu stabbiliti". Għalhekk, din il-proposta tfittex li temenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward ta' dawk it-TACs. It-TACs għal dawk l-istokkijiet se jiġu proposti wara l-konklużjoni tal-konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit għall-2024.

**Obbligu ta' ħatt l-art**

Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament Bażiku, l-istokkijiet kollha li għalihom hemm limiti ta' qbid kienu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art mill-1 ta' Jannar 2019, li jfisser li l-qabdiet kollha għandhom jinġiebu u jinżammu abbord il-bastimenti tas-sajd, jiġu rreġistrati, jinħattu l-

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/861 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO), u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fis-SEAFO (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 38).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/862 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC), u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, għall-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fid-WCPFC (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 44).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/866 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Konferenza annwali tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Pollakkju fil-Baħar Bering Ċentrali, u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, f'dik il-Konferenza annwali (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 66).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/858 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Laqgħa tal-Partijiet tal-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA), u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fil-Laqgħa tal-Partijiet ta' SIOFA (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 21).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/863 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tas-Sajd fil-Majjistral tal-Atlantiku (NAFO), u li tħassar id-Deċiżjoni tas-26 ta' Mejju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fin-NAFO (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 49).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/824 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni Estiża tal-Konvenzjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT), u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fis-CCSBT (ĠU L 134, 22.5.2019, p. 19).
Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/859 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO), u li tħassar id-Deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2017 li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni, fis-SPRFMO (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 27).

[7] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

art u jingħaddu mal-kwoti fejn applikabbli. Madankollu, ir-Regolament Bażiku jipprevedi ċerti eżenzjonijiet mill-obbligu ta' ħatt l-art. Abbażi ta' rakkomandazzjonijiet konġunti mill-Istati Membri, il-Kummissjoni adottat regolamenti delegati li jispeċifikaw id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd li jippermettu rimi abbażi ta' eżenzjonijiet *de minimis* jew ta' sopravivenza għolja.

Mill-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art u f'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament Bażiku, l-opportunitajiet tas-sajd proposti għandhom jirriflettu l-bidla mill-ammont li jinħatt l-art għall-ammont li jkun inqabad, minħabba li, fil-prinċipju, l-iskartar ma għadux permess aktar. L-opportunitajiet tas-sajd proposti huma stabbiliti wkoll f'konformità ma' dispożizzjonijiet rilevanti oħrajn, jiġifieri l-Artikolu 16(1) dwar il-prinċipju tal-istabbiltà relattiva u l-Artikolu 16(4) li jirreferu għall-objettivi tal-PKS u r-regoli tal-MAP rilevanti.

Filwaqt li tqis l-applikazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art, il-Kummissjoni qed tipproponi TACs abbażi tal-parir tal-ICES dwar il-qabdiet. Il-kwoti proposti tal-UE jqisu l-iskartar abbażi tal-eżenzjonijiet stabbiliti; dawn il-kwantitajiet ma humiex se jinħattu l-art u jinqatgħu mill-kwoti, u għalhekk jitnaqqsu mill-kwoti tal-UE. Sakemm jidħlu fis-seħħ ir-regolamenti delegati li jispeċifikaw id-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd fl-2024, il-kwoti tal-UE huma mmarkati *pm* f'din il-proposta. Barra minn hekk, għall-istokkijiet li għalihom l-ICES jipprovdi biss parir dwar il-ħatt l-art, il-Kummissjoni qed tipproponi TACs abbażi ta' dak il-parir.

**Flessibbiltà minn sena għal sena**

Iridu jitqiesu wkoll ir-rabtiet bejn ir-Regolament Bażiku u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96[8]. L-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament jipprevedu flessibbiltà minn sena għal sena għall-kwoti kemm għall-istokkijiet prekawzjonarji kif ukoll għal dawk analitiċi. Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 847/96, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema stokkijiet ma humiex se jkunu soġġetti għall-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet. Il-Kummissjoni tipproponi li tiġi eskluża l-flessibbiltà minn sena għal sena skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għall-istokkijiet analitiċi b'bijomassa taħt $B_{lim}$[9] u għall-istokkijiet prekawzjonarji li għalihom l-ICES jirrakkomanda jew qabdiet żero jew inkella li jiġi sospiż is-sajd fil-mira.

L-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku jipprevedi mekkaniżmu ieħor ta' flessibbiltà minn sena għal sena. Madankollu, sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li timmina l-ilħuq tal-objettivi tal-PKS, l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku ma għandhomx japplikaw b'mod kumulattiv.

Il-flessibbiltà minn sena għal sena skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament Bażiku għandha tiġi eskluża meta timmina l-ilħuq tal-objettivi tal-PKS, b'mod partikolari għal: (i) stokkijiet analitiċi b'bijomassa taħt $B_{lim}$ u li għalihom se jkun permess biss is-sajd għall-qbid aċċessorju jew is-sajd xjentifiku; u (ii) stokkijiet prekawzjonarji li għalihom se jkun permess sajd bħal dan biss. Barra minn hekk, għandha tiġi eskluża l-flessibbiltà għal stokkijiet li għalihom l-UE u l-pajjiż jew il-pajjiżi mhux tal-UE rilevanti ma jkunux qablu dwar l-applikazzjoni ta'

8 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u tal-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

9 Il-MAPs jiddefinixxu l-"Blim" bħala l-punt ta' referenza tal-bijomassa tal-istokk riproduttiv li taħtu jista' jkun hemm kapaċità riproduttiva mnaqqsa.

flessibbiltà minn sena għal sena jew ikunu eskludew l-applikazzjoni ta' tali flessibbiltà abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet.

## L-opportunitajiet u l-ispjegazzjoni tas-sajd proposti

### Stokkijiet awtonomi tal-UE

| TAC | Kodiċi tat-TAC | TAC proposta għall-2024 u fejn speċifikat ukoll għall-2025 jew l-2026 (tunnellati) | Bidla fit-TAC proposta mill-2023 | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Megrims<br>fi 8c, 9 u 10; L-ilmijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 | LEZ/8C3411 | 3 622 | +11 % | L-ICES jipprovdi parir dwar l-MSY[10] għal żewġ speċijiet differenti ta' megrim f'din iż-żona: *Lepidorhombus whiffiagonis* u *Lepidorhombus Boscii*.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi t-TAC f'konformità mal-parir dwar l-MSY u mal-valur[11] tal-punt tal-$F_{MSY}$ għaż-żewġ speċijiet. |
| Petriċi<br>fi 8c, 9 u 10; L-ilmijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 | ANF/8C3411 | 4 650 | +7 % | L-ICES jipprovdi parir dwar l-MSY għal żewġ speċijiet differenti ta' petriċa[12] f'din iż-żona: petriċa tat-tbajja' (*Lophius budegassa)* u petriċa bajda (*Lophius piscatorius*).<br>Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi t-TAC f'konformità mal-parir dwar l-MSY u mal-valur tal-punt tal-$F_{MSY}$ għaż-żewġ speċijiet. |
| Merlangu<br>fi 8 | WHG/08. | Għall-2024 u l-2025:<br>1 347 | -41 % | L-ICES issa jagħti parir dwar l-MSY[13] għal dan l-istokk. L-aktar parir reċenti ppubblikat mill-ICES huwa validu għall-2024 u l-2025.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi t-TACs għall-2024 u l-2025 f'konformità mal-parir dwar l-MSY. |

10 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21840942.v1
https://doi.org/10.17895/ices.advice.21840912.v1

11 L-MAPs jiddefinixxu l-"valur tal-punt tal-$F_{MSY}$" bħala l-valur tal-mortalità mis-sajd stmata li skont xejra tas-sajd partikolari u taħt kundizzjonijiet ambjentali medji kurrenti jagħti l-MSY fuq it-terminu twil.

12 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21840726.v1
https://doi.org/10.17895/ices.advice.21840951.v1

13 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21864336.v1

| TAC | Kodiċi tat-TAC | TAC proposta għall-2024 u fejn speċifikat ukoll għall-2025 jew l-2026 (tunnellati) | Bidla fit-TAC proposta mill-2023 | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Merluzz fi 8c, 9 u 10; L-ilmijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 | HKE/8C3411 | 17 445 | +10 % | L-ICES jagħti parir dwar l-MSY[14] għal dan l-istokk. Il-Kummissjoni tipproponi li t-TAC tiġi stabbilita f'konformità mal-parir dwar l-MSY u mal-ogħla valur fil-medda ta' $F_{MSY}$ (MSY $F_{upper}$). Hija tipproponi li t-TAC tiġi stabbilita skont l-MSY $F_{upper}$ f'konformità mal-Artikolu 4(5), il-punt (a), tal-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent, filwaqt li jitqies li l-ICES ikkonkluda, fi tmiem l-2022, li l-merluzz kien l-aktar speċi limitata fis-sajd imħallat[15]. |
| L-iskampu fi 8c, unità funzjonali 25 | NEP/8CU25 | Għall-2024 u l-2025: 0 | riportament | L-ICES jagħti parir dwar l-MSY[16] għal dan l-istokk. Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi t-TACs għall-2024 u l-2025 f'konformità mal-parir dwar l-MSY. |
| Skampu fi 8c, unità funzjonali 31 | NEP/8CU31 | 12,4 | -27 % | L-ICES jagħti parir dwar l-MSY[17] għal dan l-istokk. Il-Kummissjoni tipproponi li t-TAC tiġi stabbilita f'konformità mal-parir dwar l-MSY. |
| Barbun tat-tbajja' fil-Kattegat | PLE/03AS. | 2 349 | +19 % | L-ICES jagħti parir dwar l-MSY[18] għal dan l-istokk. Din it-TAC tirrappreżenta proporzjon (22 %) tal-parir tal-ICES għall-barbun tat-tbajja' fil-Kattegat, fl-Ibħra tal-Belt, u f'The Sound. Dik iċ-ċifra hija bbażata fuq id-distribuzzjoni tal-qabdiet fl-2023 stabbilita fil-parir tal-ICES. Il-Kummissjoni tipproponi li t-TAC tiġi stabbilita f'konformità mal-parir dwar l-MSY u mal-valur l-aktar baxx fil-medda ta' $F_{MSY}$ (MSY $F_{lower}$). Hija tipproponi li t-TAC tiġi stabbilita f'konformità ma' MSY $F_{lower}$ minħabba li l-bakkaljaw, li għalih hemm parir għal ebda qbid, huwa qabda aċċessorja f'dan is-sajd. |

14 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21840897.v1
15 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21532947.v1
16 https://doi.org/10.17895/ices.advice.19453487.v2
17 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21840969.v1
18 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21820533.v1

| TAC | Kodiċi tat-TAC | TAC proposta għall-2024 u fejn speċifikat ukoll għall-2025 jew l-2026 (tunnellati) | Bidla fit-TAC proposta mill-2023 | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Barbun tat-tbajja' f'7b u 7c | PLE/7BC. | Għall-2024, l-2025 u l-2026: 15 | -21 % | L-ICES ma jistax jipprovdi informazzjoni dwar id-daqs tal-istokk jew il-pressjoni tas-sajd, u jipprovdi parir ta' prekawzjoni[19] għal dan l-istokk. L-aktar parir reċenti ppubblikat mill-ICES huwa validu għall-2024, l-2025 u l-2026.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li t-TACs għall-2024, l-2025 u l-2026 jiġu stabbiliti f'konformità mal-parir ta' prekawzjoni. |
| Barbun tat-tbajja' fi 8, 9 u 10; L-ilmijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 | PLE/8/3411 | Għall-2024 u l-2025: 124 | -20 % | L-ICES ma jistax jipprovdi informazzjoni dwar id-daqs tal-istokk jew il-pressjoni tas-sajd, u jipprovdi parir ta' prekawzjoni[20] għal dan l-istokk. L-aktar parir reċenti ppubblikat mill-ICES huwa validu għall-2024 u l-2025.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li t-TACs għall-2024 u l-2025 jiġu stabbiliti f'konformità mal-parir ta' prekawzjoni. |
| Pollakkju fi 8a, 8b, 8d u 8e | POL/8ABDE. | Għall-2024 u l-2025: 698 | -53 % | Il-parir tal-ICES ikopri tliet TACs, dik imsemmija f'din ir-ringiela u t-TACs imsemmija fiż-żewġ ringieli li ġejjin.<br>L-ICES issa jagħti parir[21] dwar l-MSY għal dan l-istokk. L-aktar parir reċenti ppubblikat mill-ICES huwa validu għall-2024 u l-2025.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi t-TACs għall-2024 u l-2025 f'konformità mal-parir dwar l-MSY. |
| Pollakkju fi 8c | POL/08C. | Għall-2024 u l-2025: 78 | -53 % | Bħal ta' fuq. |
| Pollakkju f'9 u 10; L-ilmijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 | POL/9/3411 | Għall-2024 u l-2025: 96 | -53 % | Bħal ta' fuq. |

19 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21840984.v1
20 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21841002.v1
21 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21841014.v1

| TAC | Kodiċi tat-TAC | TAC proposta għall-2024 u fejn speċifikat ukoll għall-2025 jew l-2026 (tunnellati) | Bidla fit-TAC proposta mill-2023 | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Lingwata komuni<br>f'7b u 7c | SOL/7BC. | Għall-2024, l-2025 u l-2026:<br>15 | -21 % | L-ICES ma jistax jipprovdi informazzjoni dwar id-daqs tal-istokk jew il-pressjoni tas-sajd, u jipprovdi parir ta' prekawzjoni[22] għal dan l-istokk. L-aktar parir reċenti ppubblikat mill-ICES huwa validu għall-2024, l-2025 u l-2026.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li t-TACs għall-2024, l-2025 u l-2026 jiġu stabbiliti f'konformità mal-parir ta' prekawzjoni. |
| Lingwata komuni<br>fi 8a u 8b | SOL/8AB. | 2 489 | -7 % | L-ICES jagħti parir[23] dwar l-MSY għal dan l-istokk.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li t-TAC tiġi stabbilita f'konformità mal-parir dwar l-MSY u mal-valur tal-punt tal-$F_{MSY}$. |
| Lingwata<br>fi 8c, 8d, 8e, 9 u 10; L-ilmijiet tal-Unjoni ta' CECAF 34.1.1 | SOO/8CDE34 | Għall-2024 u l-2025:<br>435 | -33 % | It-TAC tkopri tliet speċijiet ta' lingwata f'din iż-żona, il-lingwata komuni (*Solea solea*) u żewġ speċijiet oħrajn ta' lingwata.<br>L-ICES jipprovdi biss parir[24] dwar l-MSY għal-lingwata komuni f'din iż-żona. L-aktar parir reċenti ppubblikat mill-ICES huwa validu għall-2024 u l-2025.<br>Għall-2024 u l-2025, il-Kummissjoni tipproponi li jiġu stabbiliti sottoTACs għal-lingwata komuni f'konformità mal-parir dwar l-MSY. Hija tipproponi wkoll li t-TACs jiġu stabbiliti f'konformità mal-parir għal-lingwata komuni u filwaqt li jitqiesu l-qabdiet speċifiċi għall-ispeċijiet (48 % lingwata komuni u 52 % speċijiet oħrajn ta' lingwata). Dik iċ-ċifra hija bbażata fuq l-ishma tal-qbid bejn l-2020 u l-2022 stabbiliti fil-parir tal-ICES. |
| Sawrell f'9 | JAX/09. | 173 873 | +5 % | L-ICES jagħti parir[25] dwar l-MSY għal dan l-istokk.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li t-TAC tiġi stabbilita f'konformità mal-parir dwar l-MSY. |

22 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21840984.v1
23 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21864309.v1
24 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21864312.v1
25 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21907971.v1

| TAC | Kodiċi tat-TAC | TAC proposta għall-2024 u fejn speċifikat ukoll għall-2025 jew l-2026 (tunnellati) | Bidla fit-TAC proposta mill-2023 | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Spnotta f'8a u 8b | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | L-ICES jagħti parir[26] dwar l-MSY għal dan l-istokk.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li l-limitu tal-qabda għas-sajd rikreattiv jitnaqqas għal ħuta kuljum. Il-Kummissjoni tipproponi wkoll li Franza u Spanja jistabbilixxu limiti ta' qbid għas-sajd kummerċjali taħt il-livell li jikkorrispondi għall-valur tal-punt $F_{MSY}$, kif imnaqqas proporzjonalment biex jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa (1 906 tunnellati). |

**L-istokkijiet elenkati fl-Anness 36, it-tabella F, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni**

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tipproponi opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet elenkati fl-Anness 36, it-tabella F, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq, min-naħa l-oħra[27] (il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni). Dak l-Anness jelenka stokkijiet li huma preżenti biss fl-ilmijiet ta' Parti waħda.

| TAC | Kodiċi tat-TAC | TAC proposta għall-2024 (tunnellati) | Bidla fit-TAC proposta mill-2023 | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|

[26] https://doi.org/10.17895/ices.advice.21840756.v1

[27] Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

| TAC | Kodiċi tat-TAC | TAC proposta għall-2024 (tunnellati) | Bidla fit-TAC proposta mill-2023 | Spjegazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| Raja ondjata fi 8<br>- TAC skont it-TAC għar-rebekkini u r-raj fi 8 u f'9[28] | RJU/8-C.<br>- TAC skont SRX/89-C. | 33 | riportament | L-ICES ma jistax jipprovdi informazzjoni dwar id-daqs tal-istokk jew il-pressjoni tas-sajd, u jipprovdi parir ta' prekawzjoni[29] għal dan l-istokk. L-aktar parir reċenti ppubblikat mill-ICES huwa validu għall-2023 u l-2024.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li t-TAC għall-2024 tiġi stabbilita fl-istess livell bħal dik stabbilita mill-Kunsill fl-2022 abbażi tal-parir validu għall-2023 u l-2024. |
| Raja ondjata f'9<br>- TAC skont it-TAC għar-rebekkini u r-raj fi 8 u f'9 | RJU/9-C.<br>- TAC skont SRX/89-C. | 50 | riportament | L-ICES ma jistax jipprovdi informazzjoni dwar id-daqs tal-istokk jew il-pressjoni tas-sajd, u jipprovdi parir ta' prekawzjoni[30] għal dan l-istokk. L-aktar parir reċenti ppubblikat mill-ICES huwa validu għall-2023 u l-2024.<br>Il-Kummissjoni tipproponi li t-TAC għall-2024 tiġi stabbilita fl-istess livell bħal dik stabbilita mill-Kunsill fl-2022 abbażi tal-parir validu għall-2023 u l-2024. |

## Sallura

L-ICES jipprovdi pariri għall-medda naturali kollha tas-sallura (*Anguilla anguilla*), li tinkludi l-Atlantiku tal-Grigal u l-Mediterran. Minħabba l-istat kritiku tas-sallura, għal dawn l-aħħar żewġ deċennji l-ICES ta parir sabiex, kemm jista' jkun, il-mortalità antropoġenika tas-sallura tinżamm qrib iż-żero fil-medda naturali tagħha. B'mod partikolari, f'Novembru 2021 u f'Novembru 2022, l-ICES[31] ta parir li, meta jiġi applikat l-approċċ prekawzjonarju, għandu jkun hemm qabdiet żero ta' sallura fil-ħabitats kollha. Dan kien jikkonċerna kemm il-qabdiet rikreattivi kif ukoll dawk kummerċjali, u jinkludi l-qabdiet ta' frieħ tas-sallura għar-ristokkjar u għall-akkwakultura. Barra minn hekk, fit-30 ta' Mejju 2022, l-ICES[32] ta parir li, minkejja l-isforzi tal-Istati Membri, ma sar l-ebda progress ġenerali fl-ilħuq tal-objettiv ta' ħarba tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda ta' 40 % madwar l-UE kollha, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(4)

[28] L-istokk elenkat fl-Anness 36, it-Tabella F, tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni.
[29] https://doi.org/10.17895/ices.advice.19754485.v1
https://doi.org/10.17895/ices.advice.19754488.v1
[30] https://doi.org/10.17895/ices.advice.19754491.v1
[31] https://doi.org/10.17895/ices.advice.7752
https://doi.org/10.17895/ices.advice.19772374.v1
[32] https://doi.org/10.17895/ices.advice.19902958

tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007[33]. L-ICES ta parir ukoll li l-isforzi ta' konservazzjoni għandhom ikunu ffokati fuq dawk il-miżuri li, skont id-definizzjoni, għandhom probabbiltà kbira li jnaqqsu l-mortalità u jżidu l-ħarba. Il-parir tal-ICES għall-2024 se jiġi ppubblikat fl-1 ta' Novembru 2023.

Ġie stabbilit perjodu ta' għeluq konsekuttiv ta' 3 xhur għas-sajd tas-sallura fir-regolamenti annwali dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-ilmijiet tal-baħar u salmastri tal-UE tal-Grigal tal-Atlantiku (mill-2018 sal-2022), u għall-ilmijiet kollha tal-baħar, għall-ilmijiet salmastri u għall-ilma ħelu tal-Mediterran (mill-2019 sal-2022). Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 estenda l-perjodu ta' għeluq għal 6 xhur għal kwalunkwe attività tas-sajd tas-sallura fl-ilmijiet tal-UE tal-baħar u tal-ilma salmastru tal-Grigal tal-Atlantiku u tal-Mediterran, u għall-bastimenti tal-UE fl-ilmijiet tal-baħar kollha tal-Mediterran. Perjodu ta' għeluq ta' 6 xhur tqies li jipproteġi aħjar l-istokk mill-miżuri tal-UE u dawk nazzjonali implimentati sa dak iż-żmien. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 jipprojbixxi s-sajd rikreattiv kollu tas-sallura f'dawk l-ilmijiet.

Minħabba l-istat kritiku kontinwu tas-sallura, għall-2024 il-Kummissjoni tipproponi li jinżamm l-għeluq ta' 6 xhur u l-projbizzjoni tas-sajd rikreattiv għas-sallura fl-ilmijiet tal-baħar u salmastri tal-UE tal-Grigal tal-Atlantiku, u fl-ilmijiet tal-baħar, fl-ilmijiet salmastri u fl-ilmijiet tal-ilma ħelu kollha tal-Mediterran. Din il-proposta se tiġi aġġornata wara l-pubblikazzjoni mill-ICES tal-parir xjentifiku tagħha għas-sallura fil-Grigal tal-Atlantiku u fil-Mediterran għall-2024. Barra minn hekk, għall-2024 il-Kummissjoni tipproponi li tiċċara li l-għeluq fil-Grigal tal-Atlantiku għandu jkopri l-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni tal-istadju tal-ħajja rispettiv fiż-żona tas-sajd ikkonċernata, u li fis-subżona 3 tal-ICES (is-Skagerrak u l-Kattegat u l-Baħar Baltiku), jenħtieġ li jiġu miftiehma l-perjodi ta' għeluq bejn l-Istati Membri kkonċernati sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-sallura li jemigraw 'il barra mill-Baħar Baltiku fil-Baħar tat-Tramuntana. Din il-proposta se tiġi aġġornata wkoll wara l-laqgħa annwali tal-2023 tal-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM), biex jitqiesu l-miżuri addizzjonali possibbli għall-Mediterran adottati f'dik il-laqgħa annwali.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-miżuri proposti huma konsistenti mal-objettivi u mar-regoli tal-PKS.

- **Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-UE**

Il-miżuri proposti huma konsistenti ma' politiki oħrajn tal-UE, b'mod partikolari fil-qasam tal-ambjent.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika ta' din il-proposta hija l-Artikolu 43(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE, kif imsemmi fl-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE. Għalhekk, il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

---

33 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

- **Proporzjonalità**

Il-proposta talloka l-opportunitajiet tas-sajd lill-Istati Membri f'konformità mal-objettivi tar-Regolament Bażiku, l-MAPs applikabbli u l-eżiti tal-konsultazzjonijiet ma' pajjiżi mhux tal-UE u l-eżiti tal-laqgħat annwali tal-RFMOs. Skont l-Artikolu 16(6) u (7) u l-Artikolu 17 tar-Regolament Bażiku, l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif l-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom jistgħu jiġu allokati lill-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom f'konformità ma' ċerti kriterji stabbiliti f'dawk l-Artikoli. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom il-marġni ta' diskrezzjoni meħtieġ meta jqassmu l-kwoti allokati, f'konformità mal-mudell soċjali/ekonomiku preferut tagħhom għall-użu tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għalihom.

- **Għażla tal-istrument**

Regolament huwa meqjus l-aktar strument xieraq għax permezz tiegħu jkunu jistgħu jiġu stabbiliti rekwiżiti li japplikaw direttament għall-Istati Membri u għall-operaturi ekonomiċi rilevanti. Dan se jgħin biex ikun żgurat li r-rekwiżiti jiġu implimentati fil-ħin u b'mod armonizzat, u jwassal għal ċertezza legali akbar.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

(a) Metodi ta' konsultazzjoni, setturi ewlenin fil-mira u profil ġenerali tar-rispondenti

Il-Kummissjoni kkonsultat ma' partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari permezz tal-kunsilli konsultattivi, abbażi tal-Komunikazzjoni annwali tagħha *Sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2024*.

(b) Sommarju tat-tweġibiet u kif tqiesu

It-tweġibiet tal-partijiet ikkonċernati għall-komunikazzjoni annwali msemmija hawn fuq stabbilew il-fehmiet tagħhom dwar l-evalwazzjoni tal-Kummissjoni tal-qagħda tar-riżorsi u dwar ir-rispons ta' ġestjoni xieraq. Il-Kummissjoni qieset dawk it-tweġibiet meta fasslet din il-proposta.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-parir xjentifiku tal-ICES huwa bbażat fuq qafas żviluppat mill-gruppi ta' esperti tiegħu u mill-korpi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u maħruġ f'konformità mal-ftehim qafas ta' sħubija tiegħu mal-Kummissjoni.

L-objettiv tal-PKS huwa li l-istokkijiet jiġu rrestawrati għal livelli li jistgħu jimplimentaw l-MSY u li jinżammu f'dawk il-livelli. Dan l-objettiv huwa inkorporat b'mod ċar fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Bażiku, li jipprovdi li dan "għandu jintlaħaq […] sa mhux aktar tard mill-2020 għall-istokkijiet kollha". Dan jirrifletti l-impenn li ħadet l-UE b'rabta mal-konklużjonijiet tas-Summit Dinji tal-2002 dwar l-Iżvilupp Sostenibbli f'Johannesburg u mal-pjan ta' implimentazzjoni assoċjat miegħu.

L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet fil-mira fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Ilmijiet tal-Punent[34] u li għalihom hemm parir dwar l-MSY għandhom jiġu stabbiliti abbażi tal-MAPs rilevanti, li jiddefinixxu firxa ta' valuri tal-mortalità mis-sajd li jirriżultaw fl-MSY ("medda ta' $F_{MSY}$"), u għalhekk joffru grad ta' flessibbiltà f'kundizzjonijiet speċifiċi. Il-Kummissjoni talbet lill-ICES jipprovdi parir xjentifiku li jista' jintużaw biex tiġi implimentata l-flessibbiltà, inkluż biex jiġi vvalutat jekk il-kundizzjonijiet għall-użu ta' dik il-flessibbiltà humiex issodisfati. Il-medda superjuri tal-valuri ta' $F_{MSY}$ tista' tintuża biex jiġu stabbiliti t-TACs, jekk il-bijomassa tal-istokk inkwistjoni tkun ogħla mill-MSY $B_{trigger}$, u biss jekk, abbażi ta' parir xjentifiku jew evidenza, dan ikun meħtieġ biex:

– jintlaħqu l-objettivi stabbiliti fil-MAP rilevanti fil-każ ta' sajd imħallat; jew

– tiġi evitata ħsara serja għal stokk ikkawżat minn dinamika tal-istokk fi ħdan l-ispeċijiet jew bejn l-ispeċijiet; jew

– jiġu limitati l-varjazzjonijiet minn sena għal sena.

MSY $B_{trigger}$ hija l-bijomassa li taħtha għandha tittieħed azzjoni ta' ġestjoni sabiex stokk ikun jista' jimtela mill-ġdid 'il fuq mil-livelli li kapaċi jipproduċi l-MSY fit-tul. Meta l-bijomassa tal-istokk tkun taħt l-MSY $B_{trigger}$, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'livell li jikkorrispondi għall-mortalità mis-sajd li titnaqqas proporzjonalment sabiex jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa.

Għaldaqstant, din il-proposta tagħmel użu mill-parir dwar l-MSY, meta dan ikun disponibbli. F'konformità mal-objettivi tal-PKS, meta jiġu proposti TACs abbażi tal-parir dwar l-MSY, dawn jikkorrispondu għal-livell li, skont dak il-parir, ikun jiżgura li jintlaħaq l-objettiv tal-MSY. Dan l-approċċ huwa konformi mal-prinċipji stabbiliti fil-Komunikazzjoni annwali *Sajd sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2024*.

Skont l-Artikolu 4(6) tal-MAP tal-Baħar tat-Tramuntana u l-Artikolu 4(7) tal-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet fil-mira jenħtieġu fi kwalunkwe każ jiġu stabbiliti b'tali mod li jiġi żgurat li jkun hemm inqas minn probabbiltà ta' 5 % tal-bijomassa li taqa' taħt $B_{lim}$. Fejn ikun disponibbli parir dwar l-MSY, l-ICES jista' jindika tali probabbiltajiet, fuq medda qasira ta' żmien, fil-parir tiegħu. Sabiex jiġi żgurat li tinkiseb il-probabbiltà, il-mortalità mis-sajd tal-istokk fil-mira jista' jkollha titnaqqas kif xieraq jew is-sajd fil-mira jaf ikollu jiġi sospiż.

Għall-istokkijiet fil-mira limitati għad-*data*, il-parir xjentifiku tal-ICES jipprovdi gwida kwantitattiva dwar il-qabdiet u dan intuża sabiex jiġi stabbilit il-livell tat-TACs proposti.

L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet ta' qabdiet aċċessorji fil-Baħar tat-Tramuntana u fl-Ilmijiet tal-Punent iridu jiġu stabbiliti wkoll abbażi tal-MAPs rilevanti. It-TACs għall-istokkijiet ta' qabdiet aċċessorji huma proposti abbażi tal-parir dwar l-MSY, fejn disponibbli. Meta jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tal-qabdiet aċċessorji, għandhom jitqiesu wkoll kunsiderazzjonijiet tas-sajd imħallta.

Għall-istokkijiet ta' qabdiet aċċessorji limitati għad-*data*, it-TACs huma proposti abbażi tal-gwida kwantitattiva dwar il-qabdiet ipprovduta fil-parir xjentifiku tal-ICES.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-Artikolu 43(3) tat-TFUE jillimita l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd.

[34] L-istokkijiet elenkati fl-Artikoli 1(1) tal-Baħar tat-Tramuntana u l-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent.

Din il-proposta tfittex li tevita approċċi għal żmien qasir favur is-sostenibbiltà fit-tul. Din tqis l-inizjattivi mill-partijiet ikkonċernati u mill-kunsilli konsultattivi jekk ikunu ġew rieżaminati b'mod pożittiv mill-ICES. Il-proposta ta' riforma tal-PKS tal-Kummissjoni kienet ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt (SEC(2011) 891) li qieset li, filwaqt li l-ilħuq tal-objettiv tal-MSY kienet kundizzjoni meħtieġa għas-sostenibbiltà ambjentali, ekonomika u soċjali, dawk it-tliet objettivi ma jistgħux jintlaħqu waħedhom.

Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd u l-istokkijiet tal-RFMO li huma ġestiti b'mod konġunt ma' pajjiżi mhux tal-UE, essenzjalment din il-proposta timplimenta miżuri miftiehma fil-livell internazzjonali. Kwalunkwe aspett li huwa rilevanti għall-valutazzjoni tal-impatti possibbli tal-opportunitajiet tas-sajd jiġi ttrattat fit-tħejjija u fit-twettiq ta' negozjati internazzjonali li fihom jiġu miftiehma l-opportunitajiet tas-sajd tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-proposta tipprevedi s-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi għall-awtoritajiet pubbliċi tal-UE jew dawk nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rekwiżiti li japplikaw għall-ġestjoni tal-isforzi.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tikkonforma mad-drittijiet fundamentali u b'mod partikolari dawk rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni fuq il-baġit.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-monitoraġġ u l-konformità se jiġu żgurati f'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[35].

35 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

2023/0359 (NLE)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi għall-2024, l-2025 u l-2026 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, u li jemenda r-Regolament (UE) 2023/194 fir-rigward tal-istokkijiet tal-baħar fond**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[36] jirrikjedi li jiġu adottati miżuri ta' konservazzjoni filwaqt li jitqiesu l-pariri xjentifiċi, tekniċi u ekonomiċi disponibbli, inkluż, meta jkunu rilevanti, rapporti mfassla mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) u minn korpi konsultattivi oħrajn, kif ukoll kwalunkwe parir li jasal mingħand il-kunsilli konsultattivi.

(2) Il-Kunsill jenħtieġ li jadotta miżuri dwar l-iffissar u l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd, inklużi ċerti kundizzjonijiet li jkunu marbuta b'mod funzjonali ma' dawk l-opportunitajiet tas-sajd, kif xieraq. Skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-objettivi tal-politika komuni tas-sajd (PKS), kif stabbilit fl-Artikolu 2(2) ta' dak ir-Regolament. Skont l-Artikolu 16(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-opportunitajiet tas-sajd għandhom jiġu allokati fost l-Istati Membri sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd ta' kull Stat Membru għal kull stokk ta' ħut jew sajd.

(3) Għalhekk, il-qabdiet totali permissibbli (TACs) jenħtieġ li jiġu stabbiliti, f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, abbażi tal-pariri xjentifiċi disponibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti bijoloġiċi u soċjoekonomiċi, u jiġi żgurat trattament ġust bejn is-setturi tas-sajd, u filwaqt li jitqiesu l-opinjonijiet espressi matul il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

(4) Skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-istokkijiet kollha li għalihom hemm limiti ta' qbid kienu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art mill-1 ta' Jannar 2019, għalkemm japplikaw ċerti eżenzjonijiet. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet konġunti mill-Istati Membri u f'konformità mal-Artikolu 15 tar-

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Regolament (UE) Nru 1380/2013, il-Kummissjoni tadotta regolamenti delegati li jistabbilixxu d-dettalji għall-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd.

(5) L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet koperti mill-obbligu ta' ħatt l-art jenħtieġ li jqisu l-fatt li l-iskartar fil-prinċipju ma għadux permess. Għalhekk, dawn jenħtieġ li jkunu bbażati fuq iċ-ċifra ssuġġerita għall-qabdiet totali kif stipulat mill-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES). Il-kwantitajiet li, b'eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art, jistgħu jibqgħu jiġu skartati jenħtieġ li jitnaqqsu minn dik iċ-ċifra ssuġġerita għall-qabdiet totali. Barra minn hekk, għal stokkijiet li għalihom l-ICES jipprovdi biss parir dwar il-ħatt l-art, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti abbażi ta' dak il-parir.

(6) Ir-Regolamenti (UE) 2018/973 u (UE) 2019/472 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[37] jistabbilixxu pjanijiet pluriennali (MAPs) għall-Baħar tat-Tramuntana u għall-Ilmijiet tal-Punent. L-MAPs jistabbilixxu miri u miżuri għall-ġestjoni fit-tul tal-istokkijiet koperti minn dawn l-MAPs. L-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet elenkati fl-Artikolu 1(1) ta' dawk ir-Regolamenti (stokkijiet fil-mira) jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mal-firxa ta' valuri tal-mortalità mis-sajd li jirriżultaw f'rendiment massimu sostenibbli (MSY) (meded ta' $F_{MSY}$), jew f'livell aktar baxx, u f'konformità mas-salvagwardji previsti f'dawk ir-Regolamenti. Il-meded ta' $F_{MSY}$ ġew stabbiliti fil-parir rilevanti tal-ICES. Meta ma tkun disponibbli l-ebda informazzjoni xjentifika xierqa, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) jew fl-Artikolu 1(4) ta' dawk ir-Regolamenti (stokkijiet tal-qabdiet aċċessorji) jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju, kif stabbilit f'dawk ir-Regolamenti. Skont l-Artikolu 5(3) ta' dawk ir-Regolamenti, meta jiġu stabbiliti l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet tal-qabdiet aċċessorji, jenħtieġ li jitqiesu wkoll kunsiderazzjonijiet tas-sajd imħallta.

(7) F'konformità mal-Artikolu 7 tal-MAP tal-Baħar tat-Tramuntana u l-Artikolu 8 tal-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent, meta l-parir xjentifiku jindika li l-bijomassa ta' kwalunkwe wieħed mill-istokkijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1) ta' dawk ir-Regolamenti tkun anqas mill-punt ta' referenza tal-bijomassa ta' limitu ($B_{lim}$)[38], għandhom jittieħdu aktar miżuri ta' rimedju sabiex jiżguraw ir-ritorn rapidu tal-istokk għal livelli ogħla minn dawk li huma kapaċi jipproduċu l-MSY. B'mod partikolari, dawk il-miżuri ta' rimedju jistgħu jinkludu s-sospensjoni tas-sajd fil-mira għall-istokk inkwistjoni u t-tnaqqis adegwat tal-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jew stokkijiet oħrajn fis-sajd.

(8) Skont l-Artikolu 4(6) tal-MAP tal-Baħar tat-Tramuntana u l-Artikolu 4(7) tal-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent, l-opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet fil-mira jenħtieġu fi kwalunkwe każ jiġu stabbiliti b'tali mod li jiġi żgurat li jkun hemm inqas minn probabbiltà ta' 5 % tal-bijomassa li taqa' taħt $B_{lim}$. L-iżgurar li tinkiseb il-probabbiltà, f'xi każijiet jista' jirrikjedi li l-mortalità mis-sajd tal-istokkijiet fil-mira titnaqqas kif xieraq jew li s-sajd fil-mira jiġi sospiż.

---

[37] Ir-Regolament (UE) 2018/973 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 li jistabbilixxi pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta dawk l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u (KE) Nru 1342/2008 (ĠU L 179, 16.7.2018, p. 1).

[38] $B_{lim}$ hija l-bijomassa li taħtha jista' jkun hemm kapaċità riproduttiva mnaqqsa.

(9) Hemm ċerti stokkijiet li għalihom l-ICES jagħti pariri dwar qabdiet żero, jew għall-istokkijiet fil-mira taħt il-Baħar tat-Tramuntana u l-Ilmijiet tal-Punent, l-ICES jinnota li l-kisba ta' probabbiltà tal-bijomassa li taqa' taħt $B_{lim}$ ta' inqas minn 5 %: (i) tkun tirrikjedi qabdiet baxxi; (ii) tkun tirrikjedi qabdiet żero; jew (iii) lanqas tkun biss tista' tinkiseb b'qabdiet żero. Madankollu, jekk it-TACs jiġu stabbiliti fil-livell rakkomandat, l-obbligu li jinħattu l-art il-qabdiet kollha, inklużi qabdiet aċċessorji minn dawk l-istokkijiet fis-sajd imħallat, iwassal għall-fenomenu ta' "speċijiet bi kwota limitanti". "Speċijiet bi kwota limitanti" hija speċi b'nuqqas ta' kwota li tista' twassal biex bastiment tas-sajd wieħed jew aktar jieqaf mis-sajd anki jekk xorta jkollhom kwota għal speċijiet oħra. Għalhekk, sabiex jinkiseb bilanċ bejn iż-żamma tas-sajd, fid-dawl tal-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment serji li jirriżultaw min-nuqqas ta' dan, u l-ħtieġa li jinkiseb status bijoloġiku tajjeb għal dawk l-istokkijiet, filwaqt li titqies id-diffikultà tas-sajd tal-istokkijiet kollha f'sajd imħallat b'MSY, huwa xieraq li jiġu stabbiliti TACs speċifiċi għal qabdiet aċċessorji għal dawk l-istokkijiet. Dawk it-TACs għal qabdiet aċċessorji jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livelli li jiżguraw li l-mortalità għal dawk l-istokkijiet titnaqqas u li jipprovdu inċentivi sabiex tittejjeb is-selettività u sabiex jiġu evitati l-qabdiet aċċessorji ta' dawk l-istokkijiet. Sabiex jitnaqqsu l-qabdiet tal-istokkijiet li għalihom jiġu stabbiliti t-TACs tal-qabdiet aċċessorji, l-opportunitajiet tas-sajd għall-attivitajiet tas-sajd li fihom jinqabad il-ħut minn dawn l-istokkijiet jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'livelli li jgħinu sabiex il-bijomassa tal-istokkijiet vulnerabbli tirkupra għal livelli sostenibbli.

(10) Sabiex jiġi ggarantit, sa fejn huwa possibbli, l-użu tal-opportunitajiet tas-sajd f'sajd imħallat f'konformità mal-Artikolu 16(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, huwa xieraq li tiġi stabbilita riżerva komuni għall-iskambji ta' kwoti għall-Istati Membri li ma għandhomx kwota sabiex ikopru l-qabdiet aċċessorji inevitabbli tagħhom.

(11) It-TACs għat-tonn (*Thunnus thynnus*) fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mar-regoli stabbiliti fir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[39].

(12) F'konformità mal-Artikoli 2(2) u 16(4) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għall-istokkijiet li ma humiex koperti mill-MAP tal-Baħar tat-Tramuntana jew mill-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent: (i) fejn tkun disponibbli informazzjoni xjentifika adegwata, l-opportunitajiet tas-sajd jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'konformità mal-mortalità mis-sajd tal-MSY; u (ii) fejn tali informazzjoni ma tkunx disponibbli, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd jiġu stabbiliti f'konformità mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

(13) Għal ċerti stokkijiet, il-parir tal-ICES jibqa' validu għal diversi snin, u dak il-parir jibqa' l-aħjar parir xjentifiku disponibbli għall-perjodu kollu tal-għoti tal-pariri. F'dawk il-każijiet, jenħtieġ li jiġu stabbiliti TACs annwali li jkopru l-perjodu kollu tal-għoti tal-pariri (TAC pluriennali). Madankollu, jekk parir ġdid tal-ICES isir disponibbli matul dak il-perjodu, jenħtieġ li jiġi żgurat li t-TAC pluriennali tibqa' konsistenti mal-parir il-ġdid. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi żgurat li t-tnaqqis annwali miċ-ċifra tal-parir għall-qabdiet totali biex jitqiesu l-eżenzjonijiet mill-obbligu ta' ħatt l-art jibqa' konsistenti mad-*data* disponibbli.

---

39 Ir-Regolament (UE) 2016/1627 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 dwar pjan pluriennali għall-irkupru tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 302/2009 (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 1).

(14) L-ispnotta (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES (il-Golf tal-Biskalja) hija stokk fil-mira taħt il-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent. Skont il-parir tal-ICES[40] għall-2024, il-bijomassa ta' dak l-istokk naqset għal taħt l-MSY $B_{trigger}$ fl-2023 u hija mistennija li tonqos aktar fl-2024 filwaqt li tibqa' ogħla minn $B_{lim}$. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu adottati miżuri ta' rimedju xierqa biex jiġi żgurat ir-ritorn rapidu ta' dak l-istokk għal livelli ogħla minn dawk li kapaċi jipproduċu l-MSY. Għalhekk, Franza u Spanja jenħtieġ li jiżguraw li l-opportunitajiet tas-sajd għal dak l-istokk, li huma għandhom jistabbilixxu għall-2024, jirriżultaw f'livell ta' mortalità mis-sajd taħt il-valur tal-punt $F_{MSY}$[41], kif imnaqqas proporzjonalment biex jitqies it-tnaqqis fil-bijomassa, u jadottaw miżuri addizzjonali f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Skont il-parir tal-ICES għall-2024, l-opportunitajiet tas-sajd għas-sajd kummerċjali konsegwentement jenħtieġ li ma jaqbżux l-1 906 tunnellati.

(15) Jenħtieġ li jissaħħu l-miżuri li jirregolaw is-sajd rikreattiv għall-ispnotta fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES, fid-dawl tal-impatt sinifikanti tagħhom fuq il-bijomassa ta' dak l-istokk u filwaqt li titqies il-bijomassa mnaqqsa. Għalhekk, il-limitu tal-qabda jenħtieġ li jitnaqqas għal ħuta waħda li tinqabad u li tinżamm għal kull sajjied kuljum. Ix-xbieki fissi jenħtieġ li jiġu esklużi, peress li ma humiex selettivi biżżejjed u x'aktarx jaqbdu għadd ta' eżemplari li jaqbżu l-limitu stabbilit.

(16) [F'Mejju 2022, l-ICES[42] innota li minkejja l-isforzi tal-Istati Membri biex tiġi rkuprata s-sallura (*Anguilla Anguilla*), ma sar l-ebda progress ġenerali fl-ilħuq tal-objettiv ta' ħarba tal-bijomassa tas-sallura tal-fidda ta' 40 % madwar l-Unjoni, kif meħtieġ mill-Artikolu 2(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007[43], u li ma ġiet osservata l-ebda xejra ċara għall-mortalità. F'Novembru 2022, l-ICES[44] ta parir għal darb'oħra li meta jiġi applikat l-approċċ prekawzjonarju, jenħtieġ li jkun hemm qabdiet żero tas-sallura (*Anguilla anguilla*) fil-ħabitats kollha u fl-istadji kollha tal-ħajja, tul il-medda naturali tagħha, li tinkludi l-Atlantiku tal-Grigal u l-Mediterran. Dan jikkonċerna kemm il-qabdiet rikreattivi kif ukoll dawk kummerċjali u jinkludi l-qabdiet ta' frieħ tas-sallura għar-ristokkjar u għall-akkwakultura.] *[Il-premessa se tiġi aġġornata wara l-pubblikazzjoni mill-ICES tal-parir xjentifiku tiegħu għas-sallura għall-2024.]*

(17) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194[45] estenda għal 6 xhur il-perjodu ta' għeluq għal kwalunkwe attività tas-sajd tas-sallura kummerċjali fl-ilmijiet tal-baħar u salmastri tal-Unjoni tal-Grigal tal-Atlantiku u tal-Baħar Mediterran, u għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-baħar kollha tal-Mediterran. Dan ipprojbixxa wkoll is-sajd rikreattiv kollu tas-sallura f'dawk l-ilmijiet. Tqies li perjodu ta' waqfien mis-sajd ta' 6 xhur jipproteġi aħjar l-istokk mill-miżuri tal-Unjoni u dawk nazzjonali implimentati sal-2022. Tqies ukoll li l-perjodu ta' għeluq estiż jippermetti t-tkomplija tal-miżuri ta' ristokkjar, jikkontribwixxi għall-irkupru tal-istokk tas-sallura, u b'hekk

---

40 https://doi.org/10.17895/ices.advice.21840756.v1

41 Il-valur tal-punt tal-$F_{MSY}$ huwa l-valur tal-mortalità mis-sajd stmata li skont xejra tas-sajd partikolari u taħt kundizzjonijiet ambjentali medji kurrenti jagħti l-MSY fuq terminu twil.

42 https://doi.org/10.17895/ices.advice.19902958

43 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1100/2007 tat-18 ta' Settembru 2007 li jistabbilixxi miżuri għall-irkupru tal-istokk tas-sallura (ĠU L 248, 22.9.2007, p. 17).

44 https://doi.org/10.17895/ices.advice.19772374.v1

45 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond (ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1).

ikompli jintlaħaq l-objettiv ta' ħarba ta' mill-inqas 40 % tas-sallura tal-fidda stabbilit fl-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007. Minħabba l-istat kritiku kontinwu tas-sallura, huwa xieraq li fl-2024 jinżammu dawk il-miżuri. [*Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-pubblikazzjoni mill-ICES tal-parir xjentifiku tiegħu għas-sallura għall-2024.*]

(18) Il-perjodu ta' migrazzjoni tas-sallura huwa influwenzat minn firxa wiesgħa ta' fatturi ambjentali u bijoloġiċi, u għalhekk jista' jvarja skont l-istadju tal-ħajja tas-sallura, u skont il-ħabitat u ż-żona ġeografika, b'mod partikolari l-istretti. Għalhekk jista' jkun xieraq li jiġu stabbiliti perjodi ta' għeluq differenti, b'mod partikolari għal żoni tas-sajd differenti ta' Stat Membru u għal tipi differenti ta' sajd f'dawk iż-żoni tas-sajd, sabiex jitqiesu dawk l-elementi kif ukoll ix-xejriet tal-migrazzjoni temporali u ġeografika tas-sallura fl-istadji tal-ħajja tal-frieħ tas-sallura u tas-sallura tal-fidda, rispettivament. Jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jiddeterminaw il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq rilevanti bbażati fuq dawk l-elementi.

(19) [Fil-45 laqgħa annwali tagħha fl-2022, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) adottat ir-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/1 dwar pjan ta' ġestjoni pluriennali għas-sallura fil-Baħar Mediterran, li temenda r-Rakkomandazzjoni GFCM/42/2018/1. Il-Partijiet Kontraenti jistgħu jiddeċiedu li jistabbilixxu perjodu ta' għeluq ta' 6 xhur konsekuttivi jew li jistabbilixxu perjodu ta' għeluq mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu u 3 xhur addizzjonali li għandhom jintgħażlu bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Novembru f'konformità mal-pjan jew mal-pjanijiet ta' ġestjoni għas-sallura u x-xejriet tal-migrazzjoni temporali tas-sallura. Il-perjodu ta' għeluq għall-attività tas-sajd tas-sallura kummerċjali u l-projbizzjoni tas-sajd rikreattiv jenħtieġ li japplikaw għall-ilmijiet marini kollha, għall-ilmijiet salmastri, li jinkludu l-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet tranżizzjonali, u għall-ilma ħelu tal-Mediterran, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/1. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. Billi r-Rakkomandazzjoni GFCM/45/2022/1 ma tapplikax għall-Baħar l-Iswed u billi l-Baħar l-Iswed u s-sistemi tax-xmajjar marbutin miegħu ma jikkostitwux il-ħabitat naturali tas-sallura Ewropea għall-finijiet tar-Regolament (KE) Nru 1100/2007, il-miżuri rigward is-sallura jenħtieġ li ma japplikawx għall-Baħar l-Iswed (is-subżona ġeografika 29 tal-GFCM).] [*Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tal-2023 tal-GFCM.*]

(20) [Fl-ilmijiet tal-baħar tal-Unjoni u tal-ilma salmastru tal-Atlantiku tal-Grigal, il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq jenħtieġ li jkopru l-perjodu jew il-perjodi ewlenin ta' migrazzjoni tal-frieħ ta' sallura u tas-sallura tal-fidda, rispettivament. Meta jitqiesu l-implikazzjonijiet soċjoekonomiċi potenzjalment severi ta' għeluq sħiħ tas-sajd immirat lejn il-frieħ ta' sallura u s-sallura tal-fidda matul il-perjodu ta' migrazzjoni ewlieni jew il-perjodi ta' dawn, l-Istati Membri jistgħu jippermettu s-sajd għas-sallura għal xahar matul dawn il-perjodi ta' migrazzjoni ewlenin. Biex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tas-sallura tal-fidda li temigra mill-Baħar Baltiku lejn il-Baħar tat-Tramuntana, l-Istati Membri kostali tas-subżona 3 tal-ICES (jiġifieri d-Danimarka, il-Ġermanja, l-Estonja, il-Finlandja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja u l-Iżvezja) jenħtieġ li jaqblu dwar perjodi ta' għeluq konsistenti għas-sallura tal-fidda. F'każ li l-Istati Membri kkonċernati ma jkunux jistgħu jaqblu, il-perjodu ta' għeluq għas-sallura tal-fidda fil-Baħar Baltiku jenħtieġ li jkun mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Jannar.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-pubblikazzjoni mill-ICES tal-parir xjentifiku tiegħu għas-sallura Ewropea għall-2024.]*

(21) Skont ir-Regolament (KE) Nru 1100/2007, ir-ripopolazzjoni tal-frieħ ta' sallura hija miżura ta' konservazzjoni magħżula minn ċerti Stati Membri fil-pjanijiet ta' ġestjoni

tas-sallura tagħhom. Sabiex dawk l-Istati Membri jkunu jistgħu jkomplu jimplimentaw dik il-miżura, jistgħu jkunu meħtieġa qabdiet tal-ferħ ta' sallura fl-ilmijiet marini u salmastri tal-Unjoni tal-Atlantiku tal-Grigal fiż-żmien xieraq tas-sena u possibbilment matul il-perjodu jew il-perjodi ta' migrazzjoni ewlenin tagħhom. Għalhekk, l-Istati Membri jistgħu jippermettu sajd kontinwu tal-ferħ ta' sallura għal xahar addizzjonali matul il-perjodu jew il-perjodi ta' migrazzjoni ewlieni jew ewlenin tal-ferħ ta' sallura. *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-pubblikazzjoni mill-ICES tal-parir xjentifiku tiegħu għas-sallura Ewropea għall-2024.]*

(22) Fil-parir xjentifiku tiegħu għal ċerti stokkijiet tal-elażmobranki (rebekkini, klieb il-baħar, raj), l-ICES jirrakkomanda li ma jkunx hemm qabdiet, minħabba l-istat ta' konservazzjoni ħażin tagħhom. Barra minn hekk, tali elażmobranki għandhom rati ta' sopravivenza għoljin meta jintremew. Konsegwentement, il-qabdiet ta' dawk l-istokkijiet jenħtieġ li jiġu skartati aktar milli jinħattu l-art, peress li l-iskartar ma jitqiesx li jżid b'mod sinifikanti l-mortalità mis-sajd tagħhom u saħansitra jappoġġa l-konservazzjoni ta' dawk l-istokkijiet. Għalhekk, is-sajd ta' tali speċi jenħtieġ li jiġi pprojbit, peress li skont l-Artikolu 15(4), il-punt (a), tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art ma japplikax għal speċijiet li għalihom is-sajd huwa pprojbit. Meta jinqabdu b'mod aċċidentali, jenħtieġ li dawk l-ispeċijiet ma ssirilhomx ħsara u jinħelsu minnufih.

(23) Għal ċerti speċijiet, bħal ċerti speċijiet ta' klieb il-baħar, anke attività limitata tas-sajd tista' twassal għal riskju serju għall-konservazzjoni. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd għal tali speċijiet jenħtieġ li jiġu ristretti bis-sħiħ permezz ta' projbizzjoni ġenerali tas-sajd għal dawk l-ispeċijiet.

(24) Fit-12-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni tal-Ispeċi Migratorji tal-Annimali Selvaġġi (Manila, mit-23 sat-28 ta' Ottubru 2017), ġew inklużi numru ta' speċijiet fil-listi ta' speċijiet protetti fl-Appendiċijiet I u II ta' dik il-Konvenzjoni. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi prevista l-protezzjoni ta' dawk l-ispeċijiet fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li joperaw fl-ilmijiet kollha u l-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi u li joperaw fl-ilmijiet tal-Unjoni.

(25) Sabiex jiġi mmassimizzat l-użu sħiħ tal-opportunitajiet tas-sajd, huwa xieraq li tkun permessa l-implimentazzjoni ta' arranġament flessibbli bejn ċerti żoni tat-TAC fejn l-istess stokk bijoloġiku huwa kkonċernat.

(26) L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96[46] jipprevedu flessibbiltà minn sena għal sena għall-kwoti kemm għall-istokkijiet prekawzjonarji kif ukoll għal dawk analitiċi. Skont l-Artikolu 2 ta' dak ir-Regolament, meta jiġu stabbiliti t-TACs, il-Kunsill għandu jiddeċiedi liema huma l-istokkijiet li għalihom ma għandhomx japplikaw l-Artikoli 3 u 4 ta' dak ir-Regolament, b'mod partikolari abbażi tal-istat bijoloġiku tagħhom. Barra minn hekk, l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jipprevedi flessibbiltà ulterjuri minn sena għal sena għall-istokkijiet kollha li huma soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art. Sabiex tiġi evitata flessibbiltà eċċessiva li timmina l-ilħuq tal-objettivi tal-PKS, jenħtieġ li l-flessibbiltà minn sena għal sena għall-kwoti skont l-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 ma tapplikax b'mod kumulattiv. Fl-aħħar nett, il-flessibbiltà minn sena għal sena skont l-Artikolu 15(9) tar-Regolament

46 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 847/96 tas-6 ta' Mejju 1996 li jintroduċi kundizzjonijiet addizzjonali għal tmexxija minn sena għal sena tat-TAC u tal-kwoti (ĠU L 115, 9.5.1996, p. 3).

Bażiku jenħtieġ li, fejn rilevanti, tiġi eskluża abbażi tal-istatus bijoloġiku tal-istokkijiet.

(27) Meta TAC tiġi allokata lil Stat Membru wieħed biss, jaf ikun xieraq li dak l-Istat Membru jingħata s-setgħa jistabbilixxi dik it-TAC, f'konformità mal-Artikolu 2(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Tali setgħa hija xierqa, dment li, meta jiġi ddeterminat il-livell tat-TAC, l-Istat Membru jikkonforma mal-prinċipji u r-regoli tal-PKS. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta minn dawk l-Istati Membri tal-prinċipji u r-regoli tal-PKS, il-Kummissjoni tevalwa l-informazzjoni ppreżentata mill-Istat Membru lilha rigward id-determinazzjoni ta' dak il-livell tat-TAC u d-*data* użata bħala bażi għal dik id-determinazzjoni.

(28) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd għal-lingwata fil-Kanal tal-Punent (id-diviżjoni 7e tal-ICES) f'konformità mal-Artikolu 12 tal-MAP tal-Ilmijiet tal-Punent.

(29) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-limiti massimi tal-isforz tas-sajd għall-2024 f'konformità mal-Artikoli 5, 6, 7 u 9 tar-Regolament (UE) 2016/1627 u mal-Anness I tiegħu dwar pjan ta' rkupru pluriennali għat-tonn blu fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran.

(30) L-użu tal-opportunitajiet tas-sajd li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament huwa soġġett għar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009[47], u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 34 tiegħu, dwar ir-reġistrazzjoni tal-qabdiet u tal-isforz tas-sajd u n-notifika tad-*data* dwar l-eżawriment tal-opportunitajiet tas-sajd. Għalhekk, jeħtieġ jiġu speċifikati l-kodiċijiet li l-Istati Membri għandhom jużaw meta jibagħtu d-*data* lill-Kummissjoni dwar il-ħatt l-art tal-istokkijiet soġġetti għal dan ir-Regolament.

(31) [Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC) ikkonfermat il-miżuri ta' konservazzjoni għaż-żewġ stokkijiet tar-redfish (*Sebastes mentella*) (pelaġiku tal-baxx u pelaġiku tal-fond) fil-Baħar Irminger u fl-ilmijiet tal-madwar, li bihom tipprojbixxi sajd dirett għal dawk l-istokkijiet u pprojbiet kwalunkwe attività ta' sostenn. Barra minn hekk, sabiex jitnaqqsu kemm jista' jkun il-qabdiet aċċessorji, l-NEAFC ipprojbiet l-attivitajiet tas-sajd fiż-żona fejn jinġema' r-redfish. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni. L-NEAFC ma adottatx rakkomandazzjonijiet għar-redfish (*Sebastes* spp.) u għall-ħalibatt ta' Greenland (*Reinhardtius hippoglossoides*) fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES. Għalhekk jenħtieġ li l-kwoti tal-Unjoni jiġu stabbiliti f'konformità mal-pożizzjoni tal-Unjoni espressa fl-NEAFC.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tan-NEAFC.]*

(32) [Il-kwota tal-Unjoni għall-ħalibatt ta' Greenland fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES għall-2023 jenħtieġ li tiġi stabbilita fil-livell ta' 1 711-il tunnellata. Il-livell ta' dik il-kwota tal-Unjoni jikkorrispondi għal 9,25 % tat-TAC għall-ħalibatt ta' Greenland fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES għall-2023, kif propost mill-Unjoni fin-NEAFC,

---

[47] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema Komunitarja ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006, (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

jiġifieri 18 494 tunnellata, f'konformità mal-parir tal-ICES.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tan-NEAFC.]*

(33) [Il-kwota tal-Unjoni għar-redfish fl-ilmijiet internazzjonali fis-subżoni 1 u 2 tal-ICES għall-2023 jenħtieġ li tiġi stabbilita abbażi tal-medja tal-ogħla tliet qabdiet annwali tal-Unjoni tar-redfish fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 2 tal-ICES fil-perjodu mill-2013 sal-2022.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tan-NEAFC.]*

(34) [Il-kavalli (*Scomber scombrus*), l-istokkafixx (*Micromesistius poutassou*) u l-aringa Atlantu-Skandjana (*Clupea harengus*) fil-Grigal tal-Atlantiku huma soġġetti għal konsultazzjonijiet mal-Istati kostali dwar il-ġestjoni tas-sajd għal dawk l-istokkijiet. L-Unjoni ħadet sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-pożizzjoni tagħha approvata mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2022. Il-konsultazzjonijiet ġew konklużi fis-6 ta' Diċembru 2022. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-NEAFC dwar il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni għal dawk l-istokkijiet għall-2023 ġew adottati matul il-laqgħa annwali tal-2022 tal-NEAFC. Għalhekk, jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jiġu stabbiliti fil-livell stabbilit fir-rakkomandazzjonijiet tal-NEAFC, flimkien mad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tan-NEAFC.]*

(35) [Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT) qablet li żżomm fl-2023 it-TACs stabbiliti fl-2022 għall-pixxispad tal-Mediterran u tat-Tramuntana tal-Atlantiku (*Xiphias gladius*), l-alonga tal-Mediterran (*Thunnus alalunga*), il-marlin blu (*Makaira nigricans*), il-marlin abjad (*Tetrapturus albidus*), it-tonna safra (*Thunnus albacares*), it-tonn obeż (*Thunnus obesus*) u l-ħuta kaħla (*Prionace glauca*). L-ICCAT stabbiliet ukoll it-TACs għall-2023 għat-tonna (*Thunnus thynnus*) u għall-pixxispad tan-Nofsinhar tal-Atlantiku ta' 40 570 u 10 000 tunnellata rispettivament. L-ICCAT adottat ukoll kwoti allokati għall-alonga tal-Mediterran għall-2023 u l-2024. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tal-ICCAT.]*

(36) [Għall-ewwel darba, l-ICCAT adottat ukoll proċedura ta' ġestjoni (MP) għat-tonna tal-Atlantiku. Din il-miżura għandha l-għan li tiżgura sajd fit-tul, sostenibbli u bi profitt kemm tal-istokk tal-Punent kif ukoll tal-istokk tal-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran. Il-proċedura ta' ġestjoni timplimenta l-objettivi ta' ġestjoni għat-tonna tal-Lvant u tal-Punent, inkluż l-adozzjoni ta' ċikli ta' ġestjoni ta' 3 snin, u skeda ta' implimentazzjoni sal-2028. It-TAC skont il-proċedura ta' ġestjoni għall-perjodu 2023-2025 hija ta'40 570 tunnellata fis-sena għall-istokk tal-Lvant tal-Atlantiku u tal-Mediterran. Għalhekk, dawn il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tal-ICCAT.]*

(37) [L-ICCAT adottat pjan ta' ġestjoni għall-pixxitondu tal-Atlantiku tan-Nofsinhar (*Isurus oxyrinchus*) li jinqabad flimkien ma' sajd ieħor tal-ICCAT, li jibda fl-2023, biex jiġi miġġieled is-sajd eċċessiv immedjatament, u gradwalment jinkisbu livelli ta' bijomassa suffiċjenti sabiex jiġi appoġġat l-MSY. Dan il-pjan jippermetti ż-żamma tal-qabdiet aċċessorji tal-pixxitondu tal-Atlantiku tan-Nofsinhar għal total ta' 1 295 tunnellata, li jirrappreżentaw 503 tunnellati għall-Unjoni. Skont ir-Rakkomandazzjoni tal-ICCAT, il-kwantità awtorizzata taż-żamma limitata ma tikkostitwixxi l-ebda dritt fit-tul u hija mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe proċess futur ta' allokazzjoni. Għalhekk jenħtieġ li din il-miżura tiġi implimentata fid-dritt tal-Unjoni bl-

istabbiliment ta’ TAC għall-qabdiet aċċessorji u kwota korrispondenti tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tal-ICCAT.]*

(38) [Sabiex titnaqqas il-mortalità mis-sajd tal-frieħ tat-tonn obeż u tat-tonna safra, l-ICCAT żammet ukoll limitu massimu ta’ 300 irkaptu sabiex jinġema l-ħut (FADs) għal kull bastiment tas-sajd fl-2023 u perjodu ta’ għeluq ta’ tnejn u sebgħin jum għall-użu tal-FADs. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tal-ICCAT.]*

(39) [Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2021, l-ICCAT adottat pjan ta’ bini mill-ġdid ta’ 15-il sena għall-alonga tal-Mediterran mill-2022 sal-2036. Għall-2023, l-ICCAT stabbiliet it-TAC għall-alonga tal-Mediterran għal 2 500 tunnellata. Barra minn hekk, l-ICCAT stabbiliet TAC għall-alonga tal-Atlantiku tat-Tramuntana ta’ 37 801 tunnellata għall-perjodu mill-2022 sal-2023, abbażi tar-regola tal-qbid bil-ħsieb li tiġi adottata proċedura għall-ġestjoni fit-tul ta’ dan l-istokk. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tal-ICCAT.]*

(40) [Skont diversi rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT, l-Unjoni tista’, fuq talba, tittrasferixxi perċentwal tal-kwota mhux użata tagħha ta’ stokkijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT minn dik ta’ qabel l-aħħar jew mis-sena ta’ qabel għal sena partikolari, skont ir-regoli għal kull stokk kif stabbiliti mill-ICCAT. Jenħtieġ li dawk ir-rakkomandazzjonijiet jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli, sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużaw il-kwoti tal-Unjoni għall-istokkijiet tal-ICCAT fit-totalità tagħhom kif previst mill-ICCAT għall-2024.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tal-ICCAT.]*

(41) [Il-kwoti tal-Unjoni għall-istokkijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT għall-2023 ġew aġġustati matul il-laqgħa annwali tal-ICCAT f’Novembru 2022 f’konformità ma’ diversi rakkomandazzjonijiet tal-ICCAT li skonthom l-Unjoni tista’, fuq talba, tittrasferixxi perċentwal stabbilit tal-kwota mhux użata tagħha ta’ opportunitajiet tas-sajd mill-2021 għall-2023. Il-kwoti għall-Istati Membri individwali għal dawk l-istokkijiet għall-2023 jenħtieġ li jqisu r-riport ta’ kwoti tal-Unjoni mhux użati permessi mill-ICCAT qabel il-bidu tal-istaġuni tas-sajd għal dawk l-istokkijiet. Għalhekk, il-kwoti għall-alonga tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) (ALB/AN05N), għall-alonga tan-Nofsinhar (ALB/AS05N), għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) fl-Oċean Atlantiku (BET/ATLANT), kif ukoll għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) fl-Oċean Atlantiku, fit-Tramuntana ta’ 5°N (SWO/AN05N), u għall-pixxispad fl-Oċean Atlantiku, fin-Nofsinhar ta’ 5°N (SWO/AS05N), jenħtieġ li jirriflettu tali aġġustamenti, filwaqt li jitqies il-prinċipju tal-istabbiltà relattiva. Barra minn hekk, jenħtieġ li jinżammu ċerti miżuri marbuta b’mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd sabiex jiġu rrispettati l-impenji internazzjonali tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tal-ICCAT.]*

(42) [Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku (CCAMLR) adottat limiti ta’ qbid għall-ispeċijiet fil-mira u għal dawk aċċessorji għall-perjodu mill-1 ta’ Diċembru 2022 sat-30 ta’ Novembru 2023. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tas-CCAMLR.]*

(43) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2023, il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC), żammet il-limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajd, tal-FADs u tal-bastimenti tal-provvista u l-limitu tal-qbid għat-tonna safra fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC. Barra minn hekk, l-IOTC stabbiliet għall-ewwel darba limitu ta' qbid għat-tonn obeż f'dik iż-żona. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(44) Il-laqgħa annwali tal-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku (SPRFMO) se ssir mid-29 ta' Jannar sat-2 ta' Frar 2024. Għalhekk, il-miżuri kurrenti fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO li huma marbuta b'mod funzjonali mat-TACs jenħtieġ li jinżammu b'mod proviżorju sakemm issir il-laqgħa annwali u jiġu ddeterminati t-TACs għall-2024.

(45) Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2023, il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali (IATTC) iddeċidiet li żżomm il-miżuri kurrenti applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(46) [Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tat-Tonna tan-Nofsinhar (CCSBT) ikkonfermat it-TAC għat-tonna tan-Nofsinhar (*Thunnus maccoyii*) għall-2023, kif adottata fil-laqgħa annwali tal-2020 għal perjodu ta' 3 snin (mill-2021 sal-2023). Dik il-miżura jenħtieġ li tiġi implimentata fid-dritt tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tan-CCSBT.]*

(47) [Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) iddeċidiet li fl-2023 iżżomm il-maġġoranza tat-TACs stabbiliti għall-2022 għall-ispeċijiet taħt ir-responsabbiltà tagħha sal-laqgħa annwali tagħha tal-2023.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tan-SEAFO.]*

(48) [Fil-laqgħa annwali tagħha tal-2022, il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) iddeċidiet li żżomm il-miżuri kurrenti applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tad-WCPFC.]*

(49) [Fl-44 laqgħa annwali tagħha fl-2022, l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral (NAFO) adottat opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet fis-subżoni 1 sa 4 taż-żona tal-Konvenzjoni tan-NAFO għall-2023. Dawk il-miżuri jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara l-laqgħa annwali tan-NAFO.]*

(50) Fl-10 laqgħa annwali tiegħu fl-2023, il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (SIOFA) żamm l-opportunitajiet tas-sajd li kienu ġew adottati qabel għall-istokkijiet koperti minn dak il-Ftehim. Dan adotta wkoll limitu tal-qabdiet aċċessorji għall-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) u emenda l-konfini taż-żoni ta' ġestjoni tal-pixxisinna ta' Del Cano u Williams Ridge (*Dissostichus spp.*), filwaqt li estenda r-rekwiżiti tal-osservaturi u tat-tikkettar għall-pixxisinna fil-bqija taż-Żona tal-Ftehim. Jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.

(51) Skont l-Artikolu 498(2) tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, min-naħa waħda, u r-Renju

Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra[48] (il-"Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni "), l-Unjoni u r-Renju Unit għandu jkollhom konsultazzjonijiet kull sena biex jaqblu, sal-10 ta' Diċembru ta' kull sena, dwar it-TACs għas-sena ta' wara għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Jekk tali TACs ma jiġux konklużi sal-10 ta' Diċembru, il-Partijiet għandhom minnufih jerġgħu jibdew il-konsultazzjonijiet bil-għan kontinwu li jintlaħaq qbil dwar it-TACs, kif meħtieġ mill-Artikolu 499(1) tal-Ftehim.

(52) [Fl-2022, l-Unjoni u r-Renju Unit organizzaw konsultazzjonijiet bilaterali dwar l-istabbiliment ta' għadd kbir ta' TACs għall-2023 għall-istokkijiet elenkati fl-Anness 35 tal-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni. Dawk il-konsultazzjonijiet twettqu skont l-Artikolu 498(2), (4) u (6) tal-Ftehim tal-Kummerċ u l-Kooperazzjoni, u l-Unjoni ħadet sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-ispeċifikazzjonijiet għall-pożizzjoni tal-Unjoni approvati mill-Kunsill fil-21 ta' Ottubru 2022, skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875[49]. Il-konsultazzjonijiet ġew konklużi fis-16 ta' Diċembru 2022 u l-eżitu tagħhom ġie ddokumentat f'Rekord bil-Miktub. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell stabbilit f'dak ir-Rekord bil-Miktub, u l-miżuri l-oħrajn marbuta b'mod funzjonali mal-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti wkoll f'dak ir-Rekord bil-Miktub jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.]*

(53) [It-TACs għall-istokkijiet tal-baħar fond elenkati fl-Anness 35 tal-Ftehim Kummerċjali u ta' Kooperazzjoni għall-2024 ġew inklużi fir-Regolament (UE) 2023/194 iżda huma mmarkati bħala "għad iridu jiġu stabbiliti". Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/194 jiġi emendat u l-opportunitajiet tas-sajd għal dawk l-istokkijiet jiġu stabbiliti fil-livell stabbilit fir-Rekord bil-Miktub tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd bejn l-Unjoni u r-Renju Unit għall-2024.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.]*

(54) [L-Unjoni u r-Renju Unit qablu li, minħabba t-titjib ivvalutat tal-istatus tal-istokk tal-mazzola griża (*Squalus acanthias*), jenħtieġ li dan l-istokk ma jibqax speċi pprojbita. Huwa pjuttost xieraq li jiġi evitat sajd dirett immirat lejn aggregazzjonijiet ta' nisa maturi, sabiex jiġi protett komponent tal-istokk li huwa partikolarment vulnerabbli għall-mortalità mis-sajd. Għal dan l-għan, l-Unjoni u r-Renju Unit qablu li jenħtieġ li jiġi rispettat daqs massimu ta' 100 cm, meta jkun qed isir sajd għal mazzoli griżi. Tali miżura hija marbuta b'mod funzjonali mat-TAC għall-istokk, peress li mingħajr tali miżura il-livell tat-TAC waħdu ma jiżgurax protezzjoni suffiċjenti għall-ħut femminili li jkun qed iwelled, li jikkostitwixxi grupp partikolarment vulnerabbli tal-popolazzjoni. Dak id-daqs massimu jenħtieġ li jieqaf japplika fid-data li fiha jsir applikabbli att delegat li jintroduċi miżuri korrispondenti u li jirregola t-trattament tal-qabdiet ta' dawk l-istokkijiet ta' aktar minn 100 cm.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.]*

---

[48] Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10).

[49] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1875 tat-22 ta' Ottubru 2021 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit biex jintlaħaq ftehim dwar il-qabdiet totali permissibbli (ĠU L 378, 26.10.2021, p. 6).

(55) [L-Unjoni u r-Renju Unit qablu dwar aċċess reċiproku fl-2023 biex jimmiraw għal total inizjali ta' 280 tunnellata ta' alonga tat-Tramuntana fiż-żoni ekonomiċi esklużivi tal-Istati Membri u tar-Renju Unit. Dan jeskludi l-aċċess għaż-żoni koperti mill-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.]*

(56) [L-għeluq staġjonali għas-sajd taċ-ċiċċirell b'ċertu rkaptu rmunkat fid-diviżjonijiet 2a, 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES jenħtieġ li jitkompla sabiex jippermetti l-protezzjoni taż-żoni ta' riproduzzjoni u l-limitazzjoni ta' qabdiet ta' frieħ tal-ħut.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.]*

(57) [Fl-2022, l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet trilaterali dwar sitt stokkijiet kondiviżi u ġestiti b'mod konġunt li jinsabu fl-ilmijiet tal-Unjoni u fl-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tar-Renju Unit u tan-Norveġja, bl-għan li jintlaħaq qbil dwar il-ġestjoni ta' dawk l-istokkijiet inklużi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023. L-Unjoni ħadet sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-pożizzjoni tagħha approvata mill-Kunsill fl-20 ta' Ottubru 2022. Il-konsultazzjonijiet ġew konklużi fid-9 ta' Diċembru 2022 u l-eżitu tagħhom ġie ddokumentat f'Rekord Maqbul. Għalhekk, l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell maqbul mar-Renju Unit u n-Norveġja, flimkien mal-miżuri l-oħra stabbiliti f'dak ir-Rekord Maqbul.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja.]*

(58) [Il-miżuri ta' rimedju maqbula b'mod konġunt fl-2022 mar-Renju Unit u n-Norveġja dwar il-bakkaljaw tal-Baħar tat-Tramuntana (*Gadus morhua*) għandhom jinżammu biex jippermettu l-irkupru u l-ġestjoni sostenibbli fit-tul tal-istokk f'konformità mal-Artikolu 13 tal-MAP tal-Baħar tat-Tramuntana.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni, ir-Renju Unit u n-Norveġja.]*

(59) [Fl-2022 u fl-2023, l-Unjoni u n-Norveġja kellhom konsultazzjonijiet bilaterali dwar: (i) stokkijiet kondiviżi u ġestiti b'mod konġunt fis-Skagerrak bl-għan li jintlaħaq qbil dwar il-ġestjoni ta' dawk l-istokkijiet inklużi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2023; (ii) l-aċċess għall-ilmijiet fl-2023; u (iii) skambji ta' opportunitajiet tas-sajd għall-2023. L-Unjoni ħadet sehem f'dawk il-konsultazzjonijiet abbażi tal-pożizzjoni tagħha approvata mill-Kunsill fil-21 ta' Ottubru 2022. Il-konsultazzjonijiet ġew konklużi fis-16 ta' Marzu 2023 u l-eżitu tagħhom ġie ddokumentat f'żewġ Rekords Maqbula. L-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jenħtieġ li jiġu stabbiliti fil-livell stabbilit f'dawk ir-Rekords Maqbula, u l-miżuri l-oħrajn stabbiliti f'dawk ir-Rekords Maqbula jenħtieġ li jiġu implimentati fid-dritt tal-Unjoni.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u n-Norveġja.]*

(60) [F'konformità mal-proċedura prevista fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea, min-naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, u l-Protokoll li jimplimenta dak il-Ftehim[50], il-Kumitat Konġunt stabbilixxa l-livell tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet ta' Greenland fl-2023. Il-livell tal-opportunitajiet tas-sajd disponibbli għall-Unjoni fl-ilmijiet ta' Greenland fl-2023 ġie ddokumentat fil-minuti tal-laqgħa tal-Kumitat Konġunt li saret fit-23 u fl-24 ta' Novembru 2022 fi Brussell. Għalhekk,

[50] ĠU L 175, 18.5.2021, p. 3.

jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd rilevanti jiġu stabbiliti fil-livell stipulat f'dawk il-minuti, u filwaqt li jitqiesu t-trasferimenti mistennija lin-Norveġja skont l-iskambju annwali tal-opportunitajiet tas-sajd.] *[Il-premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni, u l-Gvern ta' Greenland u l-Gvern tad-Danimarka.]*

(61) It-Trattat tad-9 ta' Frar 1920 relatat ma' Spitsbergen (Svalbard) ("it-Trattat ta' Pariġi tal-1920") jagħti aċċess ugwali u nondiskriminatorju għar-riżorsi fl-inħawi ta' Svalbard lill-partijiet kollha ta' dak it-Trattat, inkluż fir-rigward tas-sajd. Il-pożizzjoni tal-Unjoni dwar dak l-aċċess ġiet stabbilita f'diversi *notes verbales* lin-Norveġja, li l-aktar reċenti huma datati s-26 ta' Frar 2021, it-28 ta' Ġunju 2021 u l-1 ta' Awwissu 2022. Fir-rigward tal-opportunitajiet tas-sajd għas-snow crab (*Chionoecetes* spp.) madwar iż-żona ta' Svalbard, huwa xieraq li jiġi stabbilit l-għadd ta' bastimenti li huma awtorizzati jwettqu tali sajd sabiex jiġi żgurat li l-isfruttament tas-snow crab madwar Svalbard ikun konsistenti ma' tali regoli ta' ġestjoni mhux diskriminatorji li jistgħu jiġu stabbiliti min-Norveġja, li tgawdi minn sovranità u ġuriżdizzjoni fiż-żona f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar u t-Trattat ta' Pariġi tal-1920. L-allokazzjoni ta' tali opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri hija limitata għall-2024. Huwa mfakkar li fl-Unjoni, ir-responsabbiltà primarja li tiġi żgurata l-konformità mal-liġi applikabbli hija tal-Istati Membri tal-bandiera.

(62) [Premessa u d-dispożizzjonijiet rilevanti dwar l-istokkijiet fl-Artiku tal-Grigal se jiddaħħlu fi stadju aktar tard.]

(63) F'konformità mad-Dikjarazzjoni indirizzata lir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklużiva 'l barra mill-kosta tal-Guyana Franċiża, approvata f'isem l-Unjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565[51], jeħtieġ li jiġi stabbilit l-għadd massimu tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal-lutjan li huma disponibbli għall-Venezwela fl-ilmijiet tal-Unjoni.

(64) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu kkonferiti setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex l-Istati Membri individwali jkunu awtorizzati jimmaniġġjaw l-allokazzjonijiet tal-isforz tas-sajd f'konformità ma' sistema ta' kilowatt-jiem, biex tagħti jiem addizzjonali fuq il-baħar għall-waqfien permanenti tal-attivitajiet tas-sajd u għat-titjib tal-kopertura tal-osservaturi xjentifiċi; u biex tistabbilixxi formati ta' spreadsheets għall-ġbir u t-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar it-trasferiment tal-jiem fuq il-baħar bejn il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. Il-Kummissjoni jenħtieġ li teżerċita dawk is-setgħat f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52].

(65) Minħabba li ċerti dispożizzjonijiet jenħtieġ li jiġu applikati fuq bażi kontinwa, u sabiex tiġi evitata l-inċertezza legali fil-perjodu bejn it-tmiem tas-sena preċedenti u d-

[51] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1565 tal-14 ta' Settembru 2015 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tad-Dikjarazzjoni dwar l-għoti ta' opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-UE lil bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela fiż-żona ekonomika esklussiva 'l barra mill-kosta tal-Gujana Franċiża (ĠU L 244, 19.9.2015, p. 55).

[52] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għas-sena sussegwenti, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jikkonċernaw il-projbizzjonijiet u l-istaġuni magħluqin jenħtieġ li jkomplu japplikaw fil-bidu tal-2025 sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025. Għall-istess raġunijiet, id-dispożizzjonijiet li japplikaw mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2025 jew il-31 ta' Diċembru 2026 jenħtieġ li jkomplu japplikaw fil-bidu tal-2026 jew tal-2027 sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2026 jew għall-2027, rispettivament.

(66) Biex jiġi evitat li jiġu interrotti l-attivitajiet tas-sajd u biex jiġi żgurat l-għajxien tas-sajjieda, jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2024. Madankollu, id-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-isforz tas-sajd jenħtieġ li jibdew japplikaw mill-1 ta' Frar 2024. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet dwar l-attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura Ewropea fl-ilmijiet marini u salmastri tal-Unjoni tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8 u 9 tal-ICES, u fl-ilmijiet salmastri tal-Unjoni kontigwi jenħtieġ li jibdew japplikaw mill-1 ta' April 2024, sabiex jiġu evitati dispożizzjonijiet li jikkoinċidu mar-Regolament (UE) 2023/194 dwar l-istess suġġett. Minħabba l-urġenza, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu.

(67) Ċerti miżuri internazzjonali li joħolqu jew li jirrestrinġu l-opportunitajiet tas-sajd għall-Unjoni ġew adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) rilevanti fl-aħħar tal-2023 u saru applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament li jimplimentaw tali miżuri fid-dritt tal-Unjoni b'hekk jenħtieġ li japplikaw b'mod retroattiv. B'mod partikolari, peress li l-istaġun tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huwa mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru, u peress li ċerti opportunitajiet jew projbizzjonijiet tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR huma stabbiliti għal perjodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 2023, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw minn dik id-data. Barra minn hekk, l-istaġun tas-sajd għall-pixxisinna fiż-Żona tal-Ftehim tas-SIOFA jibda mill-1 ta' Diċembru sat-30 ta' Novembru, u billi t-TACs għal dak il-grupp ta' speċijiet huma stabbiliti għal perjodu li jibda mill-1 ta' Diċembru 2023, it-TACs jenħtieġ li japplikaw minn dik id-data. Tali applikazzjoni retroattiva ma tippreġudikax il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi peress li hija pprojbita għall-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Parti Kontraenti li jistadu mingħajr awtorizzazzjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR u fiż-Żona tal-Ftehim tas-SIOFA.

(68) F'konformità mar-regoli tal-ICCAT, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd tagħhom ma jużawx FADs matul il-15-il jum qabel il-bidu tal-perjodu tal-għeluq, jiġifieri mis-17 ta' Diċembru 2023 'il quddiem. Id-dispożizzjoni ta' dan ir-Regolament li timplimenta dik il-miżura fid-dritt tal-Unjoni b'hekk jenħtieġ li tapplika b'mod retroattiv,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

# TITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*
*Suġġett*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni.

2. L-opportunitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 jinkludu:

(a) il-limiti ta' qbid għas-sena 2024 u, meta speċifikat f'dan ir-Regolament, għas-snin 2025 u 2026 ukoll;

(b) il-limiti tal-isforz tas-sajd għas-sena 2024, ħlief il-limiti tal-isforz tas-sajd stabbiliti fl-Anness II, li għandhom japplikaw mill-1 ta' Frar 2024 sal-31 ta' Jannar 2025;

(c) opportunitajiet tas-sajd għall-perjodu mill-1 ta' Diċembru 2023 sat-30 ta' Novembru 2024 għal ċerti stokkijiet fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR u għal ċerti stokkijiet fiż-Żona tal-Ftehim tas-SIOFA.

*Artikolu 2*
*Kamp ta' applikazzjoni*

1. Dan ir-Regolament japplika għall-bastimenti tas-sajd li ġejjin:

(a) bastimenti tas-sajd tal-Unjoni; u

(b) bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi fl-ilmijiet tal-Unjoni.

2. Dan ir-Regolament japplika wkoll għal:

(a) ċertu sajd rikreattiv kif imsemmi b'mod espliċitu fid-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-Regolament; u

(b) sajd kummerċjali mill-kosta, mingħajr bastiment.

*Artikolu 3*
*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Barra minn hekk, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' pajjiż terz u li huwa rreġistrat fih;

(b) "sajd rikreattiv" tfisser attivitajiet tas-sajd mhux kummerċjali li jisfruttaw ir-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar fil-kuntest tar-rikreazzjoni, tat-turiżmu jew tal-isport;

(c) "ilmijiet internazzjonali" tfisser ilmijiet li ma jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġuriżdizzjoni tal-ebda Stat;

(d) "qabda totali permissibbli" (TAC) tfisser:

(i) fil-każ tas-sajd li għalih tapplika l-eżenzjoni mill-obbligu ta' ħatt l-art imsemmija fl-Artikolu 15(4) sa (7) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-ammont ta' ħut li jista' jinħatt l-art minn kull stokk kull sena;

(ii) fl-attivitajiet tas-sajd l-oħrajn kollha, il-kwantità ta' ħut li jista' jinqabad minn kull stokk kull sena;

(e) "kwota" tfisser proporzjon minn TAC li huwa allokat lill-Unjoni, lil Stat Membru jew lil pajjiż terz;

(f) "valutazzjoni analitika" tfisser evalwazzjoni kwantitattiva tax-xejriet fi stokk partikolari, imsejsa fuq *data* dwar il-bijoloġija u l-isfruttament tal-istokk, inkluż abbażi ta' indikaturi, li l-analiżi xjentifika tkun indikat li hija ta' kwalità tajba biżżejjed biex tipprovdi pariri xjentifiċi;

(g) "TAC analitika" tfisser TAC li għaliha tkun disponibbli valutazzjoni analitika;

(h) "TAC prekawzjonarja" tfisser TAC li għaliha ma tkunx disponibbli valutazzjoni analitika, u pjuttost tkun disponibbli valutazzjoni bbażata fuq l-approċċ prekawzjonarju jew ma tkun disponibbli l-ebda valutazzjoni;

(i) "daqs tal-malji" tfisser id-daqs tal-malji tax-xbieki tas-sajd kif definit fl-Artikolu 6, il-punt (34), tar-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53];

(j) "reġistru tal-flotta tas-sajd tal-Unjoni" tfisser ir-reġistru stabbilit mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(k) "ġurnal ta' abbord dwar is-sajd" tfisser il-ġurnal ta' abbord imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(l) "baga strumentata" tfisser baga mmarkata b'mod ċar b'numru ta' referenza uniku li jippermetti l-identifikazzjoni ta' sidha u mgħammra b'sistema ta' rintraċċar bis-satellita sabiex timmonitorja l-pożizzjoni tagħha;

(m) "baga operazzjonali" tfisser kwalunkwe baga strumentata, attivata minn qabel, mixgħula u mqiegħda fuq il-baħar fuq irkaptu mitluq għal riħu sabiex jinġema' l-ħut (FAD) jew injam jgħum fil-wiċċ, li tittrażmetti l-pożizzjonijiet u informazzjoni oħra disponibbli bħal stimi minn ekosonda.

### *Artikolu 4*
### *Żoni tas-sajd*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet taż-żoni tas-sajd li ġejjin:

(a) "żoni tal-ICES (il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar)" tfisser iż-żoni ġeografiċi speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54];

---

53 Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005 (ĠU L 198, 25.7.2019, p. 105).

(b) "Skagerrak" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fil-Punent minn linja miġbuda mill-fanal ta' Hanstholm sal-fanal ta' Lindesnes u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża;

(c) "Kattegat" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata fit-Tramuntana minn linja miġbuda mill-fanal ta' Skagen sal-fanal ta' Tistlarna u minn dak il-punt għall-eqreb punt tal-kosta Żvediża u fin-Nofsinhar minn linja miġbuda minn Hasenøre sa Gnibens Spids, minn Korshage sa Spodsbjerg u minn Gilbjerg Hoved sa Kullen;

(d) "unità funzjonali 16 tas-subżona 7 tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li b'mod sekwenzjali jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

– 53°30'N 15°00'W,

– 53°30'N 11°00'W,

– 51°30'N 11°00'W,

– 51°30'N 13°00'W,

– 51°00'N 13°00'W,

– 51°00'N 15°00'W;

(e) "unità funzjonali 25 tad-diviżjoni 8c tal-ICES" tfisser iż-żona tal-baħar ġeografika kkonfinata minn lossodromi li sekwenzjalment jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

– 43°00'N 9°00W,

– 43°00'N 10°00'W,

– 43°30'N 10°00'W,

– 43°30'N 9°00'W,

– 44°00'N 9°00'W,

– 44°00'N 8°00'W,

– 43°30'N 8°00'W;

(f) "unità funzjonali 26 tad-diviżjoni 9a tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

– 43°00'N 8°00'W,

– 43°00'N 10°00'W,

– 42°00'N 10°00'W,

– 42 00'N 8°00'W;

(g) "unità funzjonali 27 tad-diviżjoni 9a tal-ICES" tfisser iż-żona ġeografika kkonfinata minn lossodromi li jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin b'mod sekwenzjali:

– 42°00'N 8°00'W,

– 42°00'N 10°00'W,

---

[54] Ir-Regolament (KE) Nru 218/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta' statistiċi ta' qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu fil-Grigal tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 70).

– 38°30’N 10°00’W,

– 38°30’N 9°00’W,

– 40°00’N 9°00’W,

– 40°00’N 8°00’W;

(h) “unità funzjonali 30 tad-diviżjoni 9a tal-ICES” tfisser iż-żona ġeografika taħt il-ġuriżdizzjoni ta’ Spanja fil-Golf ta’ Cádiz u fl-ilmijiet tal-madwar tad-diviżjoni 9a tal-ICES;

(i) “unità funzjonali 31 tad-diviżjoni 8c tal-ICES” tfisser iż-żona tal-baħar ġeografika kkonfinata minn lossodromi li sekwenzjalment jgħaqqdu flimkien il-pożizzjonijiet li ġejjin:

– 43°30’N 6°00’W,

– 44°00’N 6°00’W,

– 44°00’N 2°00’W,

– 43°30’N 2°00’W;

(j) “Golf ta’ Cádiz” tfisser iż-żona ġeografika tad-diviżjoni 9a tal-ICES li tinsab fil-lvant tal-lonġitudni 7º 23’ 48″ W;

(k) “Żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR (il-Kummissjoni għall-Konservazzjoni tar-Riżorsi Ħajjin tal-Baħar Antartiku)” tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar tal-Antartiku[55];

(l) “żoni tas-CECAF (il-Kumitat tas-Sajd għall-Atlantiku Ċentrali tal-Lvant)” tfisser iż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56];

(m) “żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC (il-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali)” tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana tat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Repubblika tal-Costa Rica (il-Konvenzjoni ta’ Antigua)[57];

(n) “żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT (il-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku)” tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku[58];

---

55 ĠU L 252, 5.9.1981, p. 27. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tas-CCAMLR permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 81/691/KEE tal-4 ta’ Settembru 1981 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni għall-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin tal-Antartika (ĠU L 252, 5.9.1981, p. 26).

56 Ir-Regolament (KE) Nru 216/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni ta’ statistiċi ta’ qbid nominali mill-Istati Membri li jistadu f’ċerti żoni li ma humiex fl-Atlantiku tat-Tramuntana (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 1).

57 ĠU L 224, 16.8.2006, p. 24. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-IATTC permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/539/KE tat-22 ta’ Mejju 2006 dwar il-konklużjoni, f’isem il-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni għat-Tisħiħ tal-Kummissjoni Inter-Amerikana għat-Tonn Tropikali stabbilita mill-Konvenzjoni tal-1949 bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u r-Repubblika tal-Costa Rica (ĠU L 224, 16.8.2006, p. 22).

58 ĠU L 162, 18.6.1986, p. 34. L-Unjoni aderiet għall-ICCAT permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 86/238/KEE tad-9 ta’ Ġunju 1986 dwar l-adeżjoni tal-Komunità fil-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku, kif emendata bil-Protokoll mehmuż mal-Att Finali tal-

(o) "Żona ta' Kompetenza tal-IOTC (il-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Ftehim għall-istabbiliment tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan[59];

(p) "żoni tan-NAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral)" huma ż-żoni ġeografiċi li huma speċifikati fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60];

(q) "żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO (l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku[61];

(r) "Żona tal-Ftehim tas-SIOFA (il-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Ftehim dwar is-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan[62];

(s) "żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO (l-Organizzazzjoni Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Paċifiku)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku[63];

(t) "żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC (il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u fil-Paċifiku Ċentrali)" tfisser iż-żona ġeografika definita fil-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni tal-Istokkijiet tal-Ħut Migratorju Ħafna fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent[64];

(u) "ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering" tfisser iż-żona ġeografika tal-ibħra miftuħa tal-Baħar Bering 'il barra minn 200 mil nawtiku mil-linji bażi li minnhom titkejjel il-wisa' tal-baħar territorjali tal-Istati kostali tal-Baħar Bering;

(v) "żona kondiviża bejn iż-żoni tal-Konvenzjoni tal-IATTC u d-WCPFC" tfisser iż-żona ġeografika definita mil-limiti li ġejjin:

– il-lonġitudni 150º W,

---

Konferenza tal-Plenipotenzjari tal-Istati li jifformaw Parti mill-Konvenzjoni ffirmata f'Pariġi fl-10 ta' Lulju 1984 (ĠU L 162, 18.6.1986, p. 33).

59 ĠU L 236, 5.10.1995, p. 25. L-Unjoni aderiet għall-IOTC permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/399/KE tat-18 ta' Settembru 1995 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Ftehim għall-ħolqien tal-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (ĠU L 236, 5.10.1995, p. 24).

60 Ir-Regolament (KE) Nru 217/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar il-preżentazzjoni tal-istatistika tal-qabda u tal-attività mill-Istati Membri li jistadu fil-Majjistral tal-Atlantiku (ĠU L 87, 31.3.2009, p. 42).

61 ĠU L 234, 31.8.2002, p. 40. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tas-SEAFO permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39).

62 ĠU L 196, 18.7.2006, p. 15. L-Unjoni approvat is-SIOFA permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/780/KE tad-29 ta' Settembru 2008 dwar il-konklużjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim tas-Sajd fin-Nofsinhar tal-Oċean Indjan (ĠU L 268, 9.10.2008, p. 27).

63 ĠU L 67, 6.3.2012, p. 3. L-Unjoni approvat il-Konvenzjoni tal-SPRFMO permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/130/UE tat-3 ta' Ottubru 2011 dwar l-approvazzjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd f'Ibħra Miftuħa fin-Nofsinhar tal-Oċean Paċifiku (ĠU L 67, 6.3.2012, p. 1).

64 ĠU L 32, 4.2.2005, p. 3. L-Unjoni aderiet għad-WCPFC permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/75/KE tas-26 ta' April 2004 dwar l-adeżjoni tal-Komunità mal-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Immaniġġjar ta' Stokkijiet ta' Ħut Migratorju fl-Oċean Paċifiku Ċentrali u tal-Punent (ĠU L 32, 4.2.2005, p. 1).

– il-lonġitudni 130º W,

– il-latitudni 4º S,

– il-latitudni 50º S;

(w) "subżoni ġeografiċi tal-GFCM" tfisser iż-żoni definiti fl-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65].

# TITOLU II
# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD
# GĦALL-BASTIMENTI TAS-SAJD TAL-UNJONI

## Kapitolu I
## Dispożizzjonijiet ġenerali

*Artikolu 5*
*TACs u allokazzjonijiet*

1. It-TACs għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, l-allokazzjoni tagħhom fost l-Istati Membri u, fejn xieraq, il-kundizzjonijiet marbuta magħhom b'mod funzjonali huma stabbiliti fl-Anness I.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jiġu awtorizzati mill-Istat kostali kkonċernat biex jistadu fl-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tal-Gżejjer Faeroe, Greenland, in-Norveġja u fiż-żona tas-sajd fl-inħawi ta' Jan Mayen soġġetti għat-TACs stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament u soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament, il-Parti A tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, u fir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[66] u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni jistgħu jiġu awtorizzati jistadu fl-ilmijiet taħt il-ġuriżdizzjoni tas-sajd tar-Renju Unit soġġetti għat-TACs fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, u soġġetti għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 20 ta' dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2017/2403 u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu.

*Artikolu 6*
*TACs li għandhom jiġu ddeterminati mill-Istati Membri*

1. It-TACs stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom, fejn speċifikat f'dak l-Anness, jiġu ddeterminati mill-Istat Membru kkonċernat.

---

[65] Ir-Regolament (UE) Nru 1343/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar ċerti dispożizzjonijiet għas-sajd fiż-żona tal-Ftehim tal-GFCM (Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Baħar Mediterran) u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006 dwar miżuri ta' ġestjoni għall-isfruttament sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd fil-Baħar Mediterran (ĠU L 347, 30.12.2011, p. 44).

[66] Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

2. It-TACs li għandhom jiġu ddeterminati minn Stat Membru msemmi fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) ikunu konsistenti mal-prinċipji u mar-regoli tal-PKS, b'mod partikolari mal-prinċipju tal-isfruttament sostenibbli tal-istokk; u

(b) jirriżultaw fi sfruttament tal-istokk li:

(i) jekk tkun disponibbli valutazzjoni analitika, ikun konformi mar-rendiment massimu sostenibbli, bi probabbiltà kemm jista' jkun għolja; jew

(ii) jekk valutazzjoni analitika ma tkunx disponibbli jew ma tkunx kompluta, ikun konsistenti mal-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd.

3. Sal-15 ta' Marzu 2024, kull Stat Membru kkonċernat għandu jippreżenta l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) it-TACs li jkun iddetermina;

(b) id-*data* li jkun ġabar, ivvaluta u uża bħala bażi għall-istabbiliment tat-TACs;

(c) id-dettalji dwar kif it-TACs iddeterminati jikkonformaw mal-paragrafu 2.

*Artikolu 7*
*Il-kundizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet aċċessorji*

1. Il-qabdiet li ma humiex soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art taħt skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandhom jinżammu abbord jew jinħattu l-art biss jekk dawn:

(a) ikunu saru minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru li jkollu kwota għalihom u dik il-kwota ma tkunx ġiet eżawrita; jew

(b) jifformaw sehem minn kwota tal-Unjoni li ma tkunx ġiet allokata fost l-Istati Membri u li ma tkunx ġiet eżawrita.

2. Għall-finijiet tad-deroga mill-obbligu li l-qabdiet jingħaddu mal-kwoti rilevanti, kif previst fl-Artikolu 15(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-istokkijiet ta' speċijiet mhux fil-mira fil-limiti bijoloġiċi sikuri msemmija f'dak l-Artikolu huma identifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*
*Mekkaniżmu tal-iskambji tal-kwoti għal TACs għal qabdiet aċċessorji inevitabbli*

1. Sabiex jitqies l-obbligu ta' ħatt l-art u sabiex isiru disponibbli kwoti għal ċerti qabdiet aċċessorji lil Stati Membri mingħajr kwota, il-mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti stabbiliti fil-paragrafi 2 sa 5 għandu japplika għat-TACs identifikati fl-Anness IA.

2. 6 % ta' kull kwota allokata mit-TACs għall-bakkaljaw (*Gadus morhua*) fil-Baħar Ċeltiku (COD/7XAD34), il-bakkaljaw fil-Punent tal-Iskozja (COD/5BE6A), il-merlangu fil-Baħar tal-Irlanda (WHG/07A.) u l-barbun tat-tbajja' fid-diviżjonijiet 7h, 7j u 7k tal-ICES (PLE/7HJK.), u 3 % ta' kull kwota mit-TAC għall-merlangu tal-Punent tal-Iskozja (WHG/56-14), allokati għal kull Stat Membru, għandhom isiru disponibbli għal riżerva komuni tal-iskambju tal-kwoti ("ir-riżerva komuni"), li għandha tiftaħ fl-1 ta' Jannar 2024. L-Istati Membri mingħajr kwota għandu jkollhom aċċess esklużiv għar-riżerva komuni sal-31 ta' Marzu 2024.

3. Il-kwantitajiet li jittieħdu mir-riżerva komuni ma jistgħux jiġu skambjati jew ittrasferiti għas-sena ta' wara. Wara l-31 ta' Marzu 2024, kwalunkwe kwantità mhux użata għandha tiġi rritornata lill-Istati Membri li inizjalment ikunu kkontribwew għar-riżerva komuni.

4. L-Istati Membri mingħajr kwota għandhom jipprovdu kwoti ta' ritorn għall-istokkijiet elenkati fl-Anness IA, il-Parti C, sakemm l-Istat Membru mingħajr kwota u l-Istat Membru li jikkontribwixxi għar-riżerva komuni ma jiftehmux mod ieħor.

5. Il-kwoti msemmija fil-paragrafu 4 għandhom ikunu ta' valur kummerċjali ekwivalenti, stabbiliti abbażi ta' rata tal-kambju tas-suq jew rati tal-kambju aċċettabbli reċiprokament oħrajn. Fin-nuqqas ta' alternattivi, il-valur kummerċjali ekwivalenti għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-prezzijiet medji tal-Unjoni mis-sena ta' qabel, kif previst mill-Osservatorju Ewropew tas-Suq tal-Prodotti tas-Sajd u tal-Akkwakultura.

6. Meta l-mekkaniżmu tal-iskambju tal-kwoti stabbilit fil-paragrafi 2 sa 5 ma jippermettix li l-Istati Membri jkopru l-qabdiet aċċessorji inevitabbli tagħhom sa grad simili, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom sabiex jiftiehmu fuq skambji ta' kwoti skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, filwaqt li jiżguraw li l-kwoti skambjati jkunu ta' valur kummerċjali ekwivalenti.

### *Artikolu 9*
### *Limiti tal-isforz tas-sajd fid-diviżjoni 7e tal-ICES*

1. Għall-perjodu msemmi fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), ta' dan ir-Regolament, il-limitazzjonijiet tal-isforz tas-sajd għal-lingwata fid-diviżjoni 7e tal-ICES huma stabbiliti fl-Anness II.

2. Fuq talba ta' Stat Membru f'konformità mal-punt 7.4 tal-Anness II, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li permezz tiegħu talloka lil dak l-Istat Membru numru ta' jiem fuq il-baħar minbarra dawk imsemmija fil-punt 5 tal-Anness II, li matulhom jista' jawtorizza bastiment tas-sajd taħt il-bandiera tiegħu sabiex ikun preżenti fid-diviżjoni 7e tal-ICES meta jkun qiegħed iġorr abbord kwalunkwe rkaptu regolat. Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura tal-eżami msemmija fl-Artikolu 55(2) ta' dan ir-Regolament.

3. Fuq talba ta' Stat Membru, il-Kummissjoni tista' tadotta att ta' implimentazzjoni li bih talloka lil dak l-Istat Membru massimu ta' 3 ijiem bejn l-1 ta' Frar 2024 u l-31 ta' Jannar 2025, minbarra dawk imsemmija fil-punt 5 tal-Anness II, li fih bastiment tas-sajd jista' jkun preżenti fid-diviżjoni 7e tal-ICES abbażi ta' programm imtejjeb ta' kopertura tal-osservaturi xjentifiċi, kif imsemmi fil-punt 8.1 tal-Anness II. Hija għandha tagħmel tali allokazzjoni abbażi tad-deskrizzjoni sottomessa minn dak l-Istat Membru f'konformità mal-punt 8.3 tal-Anness II u wara konsultazzjoni mal-STECF. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 55(2) ta' dan ir-Regolament.

*[L-Artikoli 10, 15, 16 u 18 ta' dan ir-Regolament se jiġu aġġornati wara li jiġu konklużi l-konsultazzjonijiet bejn l-Unjoni u r-Renju Unit.]*

*[Artikolu 10*
*Miżuri għas-sajd tal-ispnott*
*fid-diviżjonijiet 4b, 4c u 6a tal-ICES u s-subżona 7 tal-ICES*

1. Għandu jkun ipprojbit għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, kif ukoll għal kwalunkwe tip ta' sajd kummerċjali minn fuq ix-xatt li jistadu għall-ispnott (*Dicentrarchus labrax*) fid-diviżjonijiet 4b u 4c tal-ICES u fis-subżona 7 tal-ICES jew li jżommu abbord, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott li jinqabad f'dik iż-żona.

2. Il-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-qabdiet aċċessorji tal-ispnott f'attivitajiet ta' sajd kummerċjali bix-xbieki fuq l-art, mingħajr bastiment. Din l-eżenzjoni tapplika għal numri storiċi ta' xbieki tax-xtut stabbiliti fil-livelli ta' qabel l-2017. L-attivitajiet ta' sajd bix-xbieki kummerċjali mix-xatt ma għandux ikollhom l-ispnott fil-mira tagħhom u jistgħu jinħattu l-art biss qabdiet aċċessorji inevitabbli tal-ispnott.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, f'Jannar 2024, u mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2024, il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 7d, 7e, 7f u 7h tal-ICES jistgħu jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw, jirrilokaw jew iħottu l-art l-ispnott maqbud f'dik iż-żona bl-irkapti li ġejjin u fil-limiti segwenti:

   (a) bl-użu ta' xbieki tat-tkarkir demersali[67], għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux it-3,8 tunnellati għal kull bastiment tas-sajd u fis-sena, u 5 % tal-piż tal-qabdiet totali ta' organiżmi marini abbord maqbuda mill-bastiment ikkonċernat għal kull vjaġġ tas-sajd;

   (b) bl-użu ta' tartaruni[68], għal qabdiet aċċessorji inevitabbli li ma jaqbżux it-3,8 tunnellati għal kull bastiment tas-sajd u fis-sena, u 5 % tal-piż tal-qabdiet totali tal-organiżmi marini abbord maqbuda mill-bastiment ikkonċernat f'kull vjaġġ tas-sajd;

   (c) bl-użu ta' snanar u xolfa[69], li ma jaqbżux is-6,2 tunnellati għal kull bastiment tas-sajd;

   (d) l-użu ta' għeżula fissi[70], għall-qabdiet aċċessorji inevitabbli ta' mhux aktar minn 1,6 tunnellati għal kull bastiment tas-sajd.

   Id-derogi stipulati fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu rreġistraw qabdiet tal-ispnott bl-użu ta' snanar u xolfa fil-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016.

   Id-derogi stipulati fl-ewwel subparagrafu, il-punt (d), għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jkunu rreġistraw qabdiet tal-ispnott bl-użu tal-għeżula fissi fil-perjodu mill-1 ta' Lulju 2015 sat-30 ta' Settembru 2016.

   F'każ ta' sostituzzjoni ta' bastiment tas-sajd tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jippermettu li dawk id-derogi japplikaw għal bastiment tas-sajd tal-Unjoni ieħor

---

[67] It-tipi kollha ta' xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ (OTB, OTT, PTB, TBB, TBN, TBS u TB).
[68] It-tipi kollha ta' tartaruni (SSC, SDN, SPR, SV, SB u SX).
[69] Is-sajd kollu bil-konzijiet jew bil-bastun u x-xlief jew bil-qasba u x-xlief (LHP, LHM, LLD, LL, LTL, LX u LLS).
[70] L-għeżula fissi u n-nases kollha (GTR, GNS, GNC, FYK, FPN u FIX).

dment li n-numru ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni soġġetti għal kull waħda mid-derogi u l-kapaċità tas-sajd globali tagħhom ma jiżdidux.

4. Il-limiti tal-qbid stabbiliti fil-paragrafu 3 ma għandhomx ikunu trasferibbli bejn il-bastimenti tas-sajd.

5. Fis-sajd rikreattiv, inkluż minn max-xatt, mingħajr bastiment, fid-diviżjonijiet 4b, 4c, 6a, u 7a sa 7k tal-ICES:

(a) mill-1 ta' Frar sal-31 ta' Marzu 2024:

(i) is-sajd ta' qbid u rilaxx b'qasba jew bi xlief għall-ispnott biss għandu jkun permess;

(ii) għandu jkun ipprojbit li jinżamm, li jiġi rilokat, li jiġi ttrażbordat jew li jinħatt l-art l-ispnott li jinqabad f'dik iż-żona;

(b) f'Jannar u mill-1 ta' April sal-31 ta' Diċembru 2024:

(i) mhux aktar minn żewġ eżemplari ta' spnott jistgħu jinqabdu u jinżammu għal kull sajjied kuljum;

(ii) id-daqs minimu tal-ispnott miżmum għandu jkun ta' 42 cm;

(iii) ma għandhomx jintużaw xbieki fissi sabiex jinqabad jew jinżamm l-ispnott.

6. Il-paragrafu 5 għandu japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti dwar is-sajd rikreattiv.]

*Artikolu 11*
*Miżuri dwar is-sajd tal-ispnott fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES*

1. Franza u Spanja għandhom jiżguraw li l-opportunitajiet tas-sajd għall-ispnotta fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES għas-sajd kummerċjali tagħhom fl-2024 ma jaqbżux total ta' 1 906 tunnellati.

2. Fis-sajd rikreattiv, inkluż mix-xatt, fid-diviżjonijiet 8a u 8b tal-ICES:

(a) kull sajjied jista' jaqbad u jżomm massimu ta' eżemplari wieħed ta' spnott kuljum;

(b) ma għandhomx jintużaw xbieki fissi sabiex jinqabad jew jinżamm l-ispnott.

3. Il-paragrafu 2 għandu japplika mingħajr preġudizzju għal miżuri nazzjonali aktar stretti dwar is-sajd rikreattiv.

*[L-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament se jiġi aġġornat wara l-pubblikazzjoni mill-ICES tal-parir xjentifiku tiegħu għas-sallura għall-2024.]*

[*Artikolu 12*
*Miżuri dwar is-sajd tas-sallura fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8 u 9 tal-ICES*

1. Dan l-Artikolu japplika għall-ilmijiet tal-Unjoni tal-baħar u tal-ilma salmastru tas-subżoni 3, 4, 6, 7, 8 u 9 tal-ICES, u għall-ilmijiet salmastri tal-Unjoni li jmissu magħhom. L-ilmijiet salmastri jinkludu l-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet tranżizzjonali.

2. Għandu jkun ipprojbit it-twettiq ta' attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura (*Anguilla anguilla*), jew bħala speċi fil-mira jew bħala qabda aċċessorja, fl-istadji kollha tal-ħajja għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur bejn l-1 ta' April 2024 u l-31 ta' Marzu 2025. Għal dak l-għan, kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina perjodu wieħed jew aktar ta' għeluq soġġett għal dan li ġej:

(a) fejn xieraq, il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq jistgħu jvarjaw fi Stat Membru wieħed minn żona tas-sajd għal oħra sabiex titqies ix-xejra tal-migrazzjoni ġeografika u temporali tas-sallura fl-istadji differenti tal-ħajja tagħha;

(b) il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq għandhom iservu għal perjodu ta' żmien konsekuttiv jew mhux konsekuttiv ta' mill-inqas 6 xhur; u

(c) il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq għandhom ikunu konsistenti mal-objettivi ta' konservazzjoni stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1100/2007, mal-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali u jkopru l-perjodu jew il-perjodi ewlieni jew ewlenin tal-migrazzjoni, inkluż l-ogħla livell rispettiv, tas-sallura fl-istadju tal-ħajja rispettiv fl-Istat Membru kkonċernat.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-punt (c), għas-sallura ta' tul globali ta' 12-il cm jew aktar, kull Stat Membru kkonċernat jista' jippermetti s-sajd sa total ta' 30 jum matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni. F'dak il-każ, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddetermina għeluq addizzjonali ta' perjodu ta' żmien ekwivalenti matul il-perjodu ta' migrazzjoni ewlieni jew, b'mod sussidjarju, eżatt qabel jew wara.

4. Għas-subżona 3 tal-ICES, id-deroga stabbilita fil-paragrafu 3 għandha tiġi miftiehma mill-Istati Membri kkonċernati sabiex tiġi żgurata protezzjoni konsistenti u effettiva tas-sallura fuq il-migrazzjoni tagħha mill-Baħar Baltiku fil-Baħar tat-Tramuntana. Fin-nuqqas ta' tali ftehim sal-1 ta' Marzu 2024, il-perjodu ta' għeluq għandu jkun mill-1 ta' Awwissu 2024 sal-31 ta' Jannar 2025 fid-Danimarka, fil-Ġermanja, fl-Estonja, fil-Finlandja, fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Polonja u fl-Iżvezja.

5. B'deroga ulterjuri mill-paragrafu 2, il-punt (c), għas-sallura ta' tul globali ta' inqas minn 12-il cm, kull Stat Membru kkonċernat jista' jippermetti s-sajd sa total ta' 30 jum matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni. Barra minn hekk, kull Stat Membru kkonċernat jista' jippermetti sajd esklużivament għal ripopolazzjoni sa 30 jum addizzjonali matul il-perjodu ewlieni ta' migrazzjoni. Fiż-żewġ każijiet, l-Istat Membru kkonċernat għandu jiddetermina għeluq addizzjonali ta' perjodu ta' żmien ekwivalenti matul il-perjodu ta' migrazzjoni ewlieni jew, b'mod sussidjarju, eżatt qabel jew wara.

6. Is-sajd rikreattiv tas-sallura fl-istadji kollha tal-ħajja għandu jkun ipprojbit.

7. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni:

(a) sal-1 ta' Marzu 2024, dwar il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq li huwa jkun iddetermina f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5, flimkien mal-informazzjoni ta' sostenn li tiġġustifika l-perjodu jew il-perjodi magħżul jew magħżula;

(b) fi żmien ġimagħtejn wara l-adozzjoni tagħhom, dwar il-miżuri nazzjonali relatati mal-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq li jkun iddetermina f'konformità mal-paragrafi 2 sa 5.]

*[L-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament se jiġi aġġornat wara l-pubblikazzjoni mill-ICES tal-parir xjentifiku tiegħu għas-sallura għall-2024 u wara l-laqgħat annwali tal-2023 tal-GFCM.]*

[*Artikolu 13*

*Miżuri dwar is-sajd tas-sallura fil-Baħar Mediterran*

1. Dan l-Artikolu japplika għas-subżoni ġeografiċi 1 sa 27 tal-GFCM, għall-ilmijiet salmastri u għall-ilma ħelu. L-ilmijiet salmastri jinkludu l-estwarji, il-laguni kostali u l-ilmijiet tranżizzjonali.

2. Għandu jkun ipprojbit it-twettiq ta' attivitajiet tas-sajd kummerċjali għas-sallura, jew bħala speċi fil-mira jew bħala qabda aċċessorja, fl-istadji kollha tal-ħajja għal perjodu ta' mill-inqas 6 xhur. Għal dak l-għan, kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina perjodu wieħed jew aktar ta' għeluq soġġett għal dan li ġej:

   (a) fejn xieraq, il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq jistgħu jvarjaw fi Stat Membru wieħed minn żona tas-sajd għal oħra sabiex titqies ix-xejra tal-migrazzjoni ġeografika u temporali tas-sallura fl-istadji differenti tal-ħajja tagħha;

   (b) il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq għandhom idumu mill-inqas 6 xhur konsekuttivi, jew total ta' 6 xhur f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3; u

   (c) il-perjodu jew il-perjodi ta' għeluq għandhom ikunu konsistenti mal-objettivi ta' konservazzjoni stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1100/2007, mal-pjanijiet ta' ġestjoni nazzjonali fis-seħħ u max-xejriet tal-migrazzjoni temporali tas-sallura fl-istadju tal-ħajja rispettiv fl-Istat Membru kkonċernat.

3. Il-perjodu ta' għeluq għandu jkun mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2024, u perjodu addizzjonali ta' għeluq ta' 3 xhur li għandu jiġi stabbilit minn kull Stat Membru kkonċernat bejn l-1 ta' April u t-30 ta' Novembru 2024.

4. Is-sajd rikreattiv tas-sallura fl-istadji kollha tal-ħajja għandu jkun ipprojbit.

5. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Kummissjoni:

   (a) dwar il-perjodu ta' għeluq jew il-perjodi ta' għeluq li huwa jkun iddetermina f'konformità mal-paragrafi 2 sa 3 sal-1 ta' Marzu 2024;

   (b) dwar il-miżuri nazzjonali relatati mal-perjodu jew mal-perjodi ta' għeluq li huwa jkun iddetermina f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 fi żmien ġimagħtejn wara l-adozzjoni tagħhom.]

*Artikolu 14*

*Dispożizzjonijiet speċjali dwar l-allokazzjonijiet tal-opportunitajiet tas-sajd*

1. L-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri, kif stabbilit f'dan ir-Regolament, għandha tkun mingħajr preġudizzju għal:

   (a) l-iskambji skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

   (b) it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

   (c) ir-riallokazzjonijiet skont l-Artikoli 12 u 47 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2403;

(d) ħatt l-art addizzjonali permess skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(e) il-kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

(f) it-tnaqqis skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

(g) trasferimenti u skambji ta' kwoti skont l-Artikoli 21 u 49 ta' dan ir-Regolament.

2. L-istokkijiet soġġetti għal TACs prekawzjonarji jew analitiċi għall-finijiet tal-ġestjoni minn sena għal sena tat-TACs u l-kwoti previsti fir-Regolament (KE) Nru 847/96 huma identifikati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

3. Għajr meta speċifikat mod ieħor fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, għandu japplika l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC prekawzjonarja, u l-Artikolu 3(2) u (3) u l-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-istokkijiet li huma soġġetti għal TAC analitika.

4. L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 ma għandhomx japplikaw meta Stat Membru juża l-flessibbiltà minn sena għal sena prevista fl-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.

*[Artikolu 15*

*Staġuni magħluqin għas-sajd għaċ-ċiċċirell*

Is-sajd kummerċjali għaċ-ċiċċirell (*Ammodytes* spp.) bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ, b'tartaruni jew b'irkaptu simili rmunkat bid-daqs tal-malji anqas minn 16-il mm għandu jkun ipprojbit fid-diviżjonijiet 2a u 3a tal-ICES u fis-subżona 4 tal-ICES mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2024 u mill-1 ta' Awwissu sal-31 ta' Diċembru 2024.]

*[Artikolu 16*

*Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana*

1. Iż-żoni magħluqa għas-sajd, ħlief għas-sajd b'irkaptu pelaġiku (bit-tartaruni tal-borża u bix-xbieki tat-tkarkir), u l-perjodi li matulhom se jkunu magħluqa huma stabbiliti fl-Anness IV.

2. Il-bastimenti li jistadu bix-xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u bit-tartaruni b'daqs minimu tal-malji ta' mill-anqas 70 mm fid-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES jew mill-anqas 90 mm fid-diviżjoni 3a tal-ICES, u bil-konzijiet[71] għandhom jiġu pprojbiti milli jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 4a tal-ICES, fit-tramuntana tal-latitudni 58° 30' 00" N u fin-nofsinhar tal-latitudni 61° 30' 00" N, u fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a.20 tal-ICES (Skagerrak), tad-diviżjonijiet 4a u 4b tal-ICES, fit-tramuntana tal-latitudni 57° 00' 00" N u fil-lvant tal-lonġitudni 5° 00' 00" E.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, il-bastimenti tas-sajd imsemmija f'dak il-paragrafu jistgħu jistadu fiż-żoni msemmija f'dak il-paragrafu, diment li jissodisfaw mill-anqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

(a) il-qabdiet tal-bakkaljaw tagħhom ma jirrappreżentawx aktar minn 5 % tal-qabdiet totali tagħhom għal kull vjaġġ tas-sajd; il-bastimenti tas-sajd li l-

71 Kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, OT, TBN, TBS, TB, TX, PTB, SDN, SSC, SX, LL, LLS.

qabdiet tal-bakkaljaw tagħhom ma qabżux il-5 % tal-qabdiet totali tagħhom bejn l-2017 u l-2019 huma preżunti li jikkonformaw ma' dan il-kriterju dment li jkomplu jużaw l-istess irkaptu li użaw f'dak il-perjodu; din il-preżunzjoni tista' tiġi kkonfutata;

(b) tintuża xibka tat-tkarkir tal-qiegħ jew tartarun regolati u selettivi ħafna, li jirriżultaw, skont studju xjentifiku, fi tnaqqis ta' mill-anqas 30 % fil-qabdiet tal-bakkaljaw meta mqabbla ma' bastimenti li jistadu bid-daqs tal-malja tal-linja bażi għall-irkapti rmunkati, kif speċifikat fil-Parti B, il-punt 1.1, tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1241; tali studji jistgħu jiġu evalwati mill-STECF u fil-każ ta' evalwazzjoni negattiva, l-irkapti inkwistjoni ma għandhomx jibqgħu jitqiesu validi għall-użu fiż-żoni msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;

(c) għal bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u b'tartaruni b'daqs tal-malji ta' 100 mm jew aktar (tat-tip TR1), jintuża l-irkaptu selettiv ħafna li ġej:

    (i) xbieki tat-tkarkir bis-sorra b'daqs minimu tal-malji fil-parti tas-sorra ta' 600 mm;

    (ii) maljetta mgħollija tal-kalar (0,6 m);

    (iii) xibka selettiva orizzontali li jkollha fetħa għall-ħrib b'malji kbar;

(d) għal bastimenti li jistadu bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ u b'tartaruni b'daqs tal-malji ta' 70 mm jew aktar fid-diviżjoni tal-ICES 4a u 90 mm jew aktar fid-diviżjoni tal-ICES 3a u anqas minn 100 mm (TR2), jintuża l-irkaptu selettiv ħafna li ġej:

    (i) għarbiel orizzontali bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 50 mm li jissepara l-pixxiċatt u l-ħut tond, bi ħruġ mhux imblukkat għall-ħut tond;

    (ii) pannell Seltra b'malji kwadri ta' 300 mm;

    (iii) għarbiel bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm, bi ħruġ mhux imblukkat għall-ħut;

(e) il-bastimenti tas-sajd huma soġġetti għal pjan nazzjonali għall-evitar tal-bakkaljaw sabiex jiġu sostnuti l-qabdiet tal-bakkaljaw f'konformità mal-mortalità mis-sajd li tikkorrispondi għall-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti, abbażi ta' livelli ta' parir xjentifiku, permezz ta' miżuri spazjali jew tekniċi, jew taħlita tagħhom; tali pjanijiet għandhom jiġu vvalutati mhux aktar tard minn xahrejn wara l-implimentazzjoni tagħhom, mill-STECF fil-każ tal-Istati Membri jew mill-korp xjentifiku nazzjonali rilevanti fil-każ ta' pajjiżi terzi, u, meta jitqies meħtieġ, riveduti aktar jekk valutazzjonijiet bħal dawn isibu li l-objettiv tal-pjan nazzjonali għall-evitar tal-bakkaljaw mhux se jintlaħaq.

4. L-Istati Membri għandhom itejbu l-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza tal-bastimenti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 2 sabiex jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 3.

5. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.]

*Artikolu 17*
*Miżuri ta' rimedju għall-bakkaljaw fil-Kattegat*

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu fil-Kattegat bi xbieki tat-tkarkir tal-qiegħ[72] b'daqs minimu tal-malja ta' 70 mm għandhom jużaw wieħed mill-irkapti selettivi li ġejjin:

   (a) għarbiel bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 35 mm, bi ħruġ mhux imblukkat għall-ħut;

   (b) għarbiel bi spazju ta' bejn il-vireg ta' mhux aktar minn 50 mm li jissepara l-pixxiċatt u l-ħut tond, bi ħruġ mhux imblukkat għall-ħut tond;

   (c) pannell seltra b'malji kwadri ta' 300 mm;

   (d) irkaptu regolat selettiv ħafna, li l-attributi tekniċi tiegħu għandhom jirriżultaw, skont studju xjentifiku vvalutat mill-STECF, għal bastimenti li esklużivament iġorru abbord tali rkaptu, f'inqas minn 1,5 % tal-qabdiet tal-bakkaljaw.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jipparteċipaw fi proġett ta' Stat Membru u li jkollhom tagħmir funzjonali għal attivitajiet tas-sajd dokumentati bis-sħiħ jistgħu jużaw irkaptu f'konformità mal-Parti B tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2019/1241. Sal-31 ta' Marzu 2024, l-Istat Membru inkwistjoni għandu jikkomunika lista ta' tali bastimenti lill-Kummissjoni.

3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal operazzjonijiet tas-sajd imwettqa għall-fini esklużiv ta' investigazzjonijiet xjentifiċi, dment li dawk l-investigazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2019/1241.

*Artikolu 18*
*Speċijiet ipprojbiti*

1. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx jistadu għall-ispeċijiet li ġejjin, iżommuhom abbord, jittrażbordawhom jew iħottuhom l-art:

   (a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 u d-diviżjoni 7d tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; u l-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a;

   (b) il-fonsa l-ħamra (*Beryx splendens*) fis-subżona 6 tan-NAFO;

   (c) il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; u l-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

   (d) il-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; u l-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

   (e) il-murruna sewda (*Dalatias licha*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; u l-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

---

[72] Kodiċijiet tal-irkaptu: OTB, OTT, OT, TBN, TBS, TB, TX, PTB.

(f) il-mazzola munqar l-għasfur (Deania calcea) fir-Renju Unit u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; u l-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(g) ir-rebekkin skur komuni (*Dipturus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fir-Renju Unit u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4 u 6 sa 8 tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a u tas-subżona 5; u l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3, 9 u 10;

(h) il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; u l-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 1 u 14 tal-ICES;

(i) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jittieħed b'konzijiet fir-Renju Unit u fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4 tal-ICES; l-ilmijiet tar-Renju Unit tad-diviżjoni 2a; l-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 5; l-ilmijiet tar-Renju Unit, tal-Unjoni u internazzjonali tas-subżoni 6 sa 8; u l-ilmijiet internazzjonali tas-subżoni 12 u 14;

(j) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet kollha;

(k) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

(l) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tar-Renju Unit u tal-Unjoni tas-subżona 6 tal-ICES; u l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 10 tal-ICES;

(m) il-kelb balena (*Rhincodon typus*) fl-ilmijiet kollha;

(n) il-vjolin (*Rhinobatos rhinobatos*) fil-Mediterran.

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.

*Artikolu 19*
*Trażmissjoni tad-data*

Meta l-Istati Membri jippreżentaw data lill-Kummissjoni relatata mal-ħatt l-art u mal-isforz tas-sajd skont l-Artikoli 33 u 34 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009, huma għandhom jużaw il-kodiċijiet tal-istokkijiet stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

# Kapitolu II
# Awtorizzazzjonijiet għas-sajd fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

*Artikolu 20*
*L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd*

1. L-għadd massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għall-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiż terz, meta applikabbli, huwa stabbilit fil-Parti A tal-Anness V.

2. Fejn, f'konformità mal-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, Stat Membru, wara li jinnotifika lill-Kummissjoni, jittrasferixxi l-kwota lil Stat Membru ieħor fiż-żoni tas-sajd stabbiliti fil-Parti A tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, it-trasferiment għandu jkun akkumpanjat, fejn rilevanti, bi trasferiment xieraq tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd. Kif stabbilit fil-Parti A tal-Anness V ta' dan ir-Regolament, l-għadd totali ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal kull żona tas-sajd ma għandux jinqabeż. Dak it-trasferiment tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd għandu jiġi

nnotifikat mill-Istat Membru ta' trasferiment lill-Kummissjoni fiż-żmien tan-notifika lill-Kummissjoni tat-trasferiment tal-kwoti.

# Kapitolu III
# Opportunitajiet tas-sajd ġestiti mill-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd

## TAQSIMA 1
## DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 21*
*Trasferimenti u skambji ta' kwoti*

1. Meta r-regoli ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMO) jippermettu trasferimenti jew skambji ta' kwoti bejn il-Partijiet Kontraenti għal dik l-RFMO, Stat Membru ("l-Istat Membru kkonċernat") jista' jiddiskuti ma' Parti Kontraenti għal dik l-RFMO u, jistabbilixxi deskrizzjoni possibbli tat-trasferiment jew tal-iskambju ta' kwoti maħsub, kif xieraq. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-deskrizzjoni.

2. Meta tiġi nnotifikata f'konformità mal-paragrafu 1, il-Kummissjoni tista' tapprova l-qafas tat-trasferiment jew l-iskambju tal-kwoti maħsuba. Fil-każ li l-Kummissjoni tapprova l-qafas, hija għandha tesprimi, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens tagħha li tkun marbuta bit-trasferiment jew bl-iskambju tal-kwoti maħsuba. Hija għandha tinnotifika lis-segretarjat tal-RFMO bit-trasferiment jew bl-iskambju f'konformità mar-regoli ta' dik l-RFMO.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri bi kwalunkwe trasferiment jew skambju ta' kwoti miftiehem.

4. L-opportunitajiet tas-sajd riċevuti jew ittrasferiti mill-Istat Membru kkonċernat taħt it-trasferiment jew l-iskambju tal-kwoti għandhom jitqiesu bħala kwoti miżjuda, jew imnaqqsa mill-allokazzjoni tiegħu mill-mument li t-trasferiment jew l-iskambju jidħol fis-seħħ skont it-termini tal-ftehim mal-Parti Kontraenti rilevanti lill-RFMO jew f'konformità mar-regoli tal-RFMO rilevanti, kif xieraq. Tali trasferimenti u skambji ma għandhomx ibiddlu l-iskema ta' distribuzzjoni eżistenti għall-fini tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd.

*[It-Taqsimiet 2 sa 4, u 8 sa 9 ta' dan ir-Regolament se jiġu aġġornati wara l-laqgħat annwali tal-RFMOs.]*

## [TAQSIMA 2
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAN-NEAFC

*Artikolu 22*
*Redfish fil-Baħar Irminger*

1. L-attivitajiet kollha tas-sajd għandhom ikunu pprojbiti fiż-żona ddelimitata mill-koordinati li ġejjin imkejla skont is-sistema WGS84:

| Latitudni | Lonġitudni |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 63°00'N | 30°00'W |
| 61°30'N | 27°35'W |
| 60°45'N | 28°45'W |
| 62°00'N | 31°35'W |
| 63°00'N | 30°00'W |

2. Il-bastimenti tas-sajd għandhom ikunu pprojbiti milli jistadu, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art fil-portijiet tal-Unjoni u fil-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, kif ukoll fil-portijiet ta' pajjiżi terzi, l-iskorfna tat-Tramuntana pelaġika tal-baxx u pelaġika tal-fond (*Sebastes mentella*) mill-Baħar Irminger u mill-ilmijiet tal-madwar (is-subżoni 5, 12 u 14 tal-ICES, u s-subżoni 1 u 2 tan-NAFO).

3. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni għandhom ikunu pprojbiti milli jipparteċipaw f'operazzjonijiet ta' trażbord li jinvolvu l-istokkijiet imsemmija fil-paragrafu 2.]

## [TAQSIMA 3
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-ICCAT

*Artikolu 23*
*Limitazzjonijiet fuq il-kapaċità tas-sajd, it-trobbija u t-tismin*

1. L-għadd ta' dgħajjes tal-Unjoni tas-sajd bil-lixka u tas-sajd bir-rixa awtorizzati sabiex jistadu attivament għat-tonn (*Thunnus thynnus*) ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-lvant tal-Atlantiku għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness VI.

2. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd artiġjanali kostali tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness VI.

3. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn fil-Baħar Adrijatiku għall-finijiet ta' trobbija, li huma awtorizzati jistadu attivament għat-tonn ta' bejn 8 kg/75 cm u 30 kg/115-il cm, għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 3 tal-Anness VI.

4. L-għadd ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd, għaż-żamma abbord, għat-trażbord, għat-trasport jew għall-ħatt l-art tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 4 tal-Anness VI.

5. L-għadd ta' nases involuti fis-sajd tat-tonn fil-lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 5 tal-Anness VI.

6. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li huma awtorizzati jistadu għall-alonga tat-Tramuntana (*Thunnus alalunga*) bħala speċi fil-mira f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2017/2107[73] għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 7 tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

---

[73] Ir-Regolament (UE) 2017/2107 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi l-miżuri ta' ġestjoni, ta' konservazzjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1936/2001, (KE) Nru 1984/2003 u (KE) Nru 520/2007 (ĠU L 315, 30.11.2017, p. 1).

7. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni b'tul ta' mill-anqas 20 metru li jistadu għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT, għandu jkun limitat kif stabbilit fil-punt 8 tal-Anness VI.

*Artikolu 24*
*Sajd rikreattiv*

Meta xieraq, l-Istati Membri għandhom jallokaw sehem speċifiku mill-kwoti allokati tagħhom għas-sajd rikreattiv, kif stabbilit fl-Anness ID.

*Artikolu 25*
*Klieb il-baħar*

1. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti mill-karkassa jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxivolpi għajnu kbira (*Alopias superciliosus*) maqbud fi kwalunkwe attività tas-sajd.

2. Għandu jkun ipprojbit l-involviment f'sajd dirett għall-ispeċijiet ta' pixxivolpi tal-ġeneru Alopias.

3. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti mill-karkassa jew tal-karkassa sħiħa tal-kurazzi tal-familja *Sphyrnidae* (għajr is-*Sphyrna tiburo*), maqbuda f'sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

4. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti mill-karkassa jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carcharhinus longimanus*) maqbuda waqt kwalunkwe attività tas-sajd.

5. Għandha tkun ipprojbita ż-żamma abbord ta' klieb il-baħar ħaririn (*Carcharhinus falciformis*) maqbuda fi kwalunkwe attività tas-sajd.

6. Għandhom ikunu pprojbiti ż-żamma abbord, it-trażbord jew il-ħatt l-art ta' kwalunkwe parti mill-karkassa jew tal-karkassa sħiħa tal-pixxitondu tal-Atlantiku tat-Tramuntana (*Isurus oxyrinchus*) maqbuda f'sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

*Artikolu 26*
*FADs għat-tonn tropikali*

1. Għandu jkun ipprojbit l-użu tal-FADs fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT mill-1 ta' Jannar sat-13 ta' Marzu 2024.

2. Mis-17 ta' Diċembru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd tagħhom ma jużawx l-FADs. Kull bastiment ma għandux ikollu aktar minn 300 FAD b'bagi operazzjonali użati fi kwalunkwe ħin fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-ICCAT.

3. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni *data* storika dwar l-irkaptu tas-sajd fir-rigward tal-FADs installati għall-bastimenti tas-sajd bit-tartaruni tal-borża tagħhom sat-30 ta' Ġunju 2024. Fil-każ li Stat Membru ma jirrapportax din id-*data* sa dik id-data, bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu ma jistgħux jinstallaw irkaptu tas-sajd fir-rigward tal-FADs sakemm il-Kummissjoni tirċievi dik id-*data* mingħand dak l-Istat Membru għal rapportar ulterjuri lill-ICCAT.]

## [TAQSIMA 4
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAS-CCAMLR

*Artikolu 27*
*Notifiki ta' sajd esploratorju għall-pixxisinna*

1. L-Istati Membri jistgħu jipparteċipaw, jew jawtorizzaw lill-bastimenti tagħhom biex jipparteċipaw, f'sajd esploratorju bil-konz għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.) fis-subżoni 88.1 u 88.2 tal-FAO u fid-diviżjonijiet 58.4.1, 58.4.2 u 58.4.3a tal-FAO barra miż-żoni ta' ġuriżdizzjoni nazzjonali fl-2024, f'konformità mal-Artikolu 7(2) sa (7) tar-Regolament (KE) Nru 601/2004.

2. B'deroga mill-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, dawk l-Istati Membri li beħsiebhom jagħmlu dan għandhom jinnotifikaw lis-Segretarjat tas-CCAMLR mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2024.

*Artikolu 28*
*Limiti addizzjonali fuq is-sajd esploratorju għall-pixxisinna*

1. Minbarra r-rekwiżiti speċjali għas-sajd esploratorju stabbiliti fl-Artikolu 7a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, is-sajd għall-pixxisinna matul l-istaġun tas-sajd 2023–2024 għandu jkun limitat għall-Istati Membri, is-subżoni u l-għadd ta' bastimenti tas-sajd stabbiliti fit-Tabella A tal-Anness VII, u t-TACs u l-limiti tal-qabdiet aċċessorji stabbiliti fit-Tabella B ta' dak l-Anness għandhom japplikaw.

2. Is-sajd dirett ta' speċijiet ta' kelb il-baħar għal skopijiet oħrajn minbarra r-riċerka xjentifika huwa pprojbit. Kwalunkwe qabda aċċessorja ta' kelb il-baħar, speċjalment frieħ u klieb il-baħar femminili tqal, li jinqabdu aċċidentalment fis-sajd għall-pixxisinna, għandhom jiġu rilaxxati ħajjin.

3. Meta applikabbli, għandu jieqaf is-sajd għall-pixxisinna f'kull unità ta' riċerka fuq skala żgħira (SSRU) meta l-qabda rrapportata tilħaq it-TAC speċifikata, u l-SSRU għandha tingħalaq għas-sajd għall-bqija tal-istaġun tas-sajd.

4. Is-sajd għandu jseħħ fuq medda ġeografika u batimetrika kemm jista' jkun kbira, sabiex tinkiseb l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi ddeterminat il-potenzjal tas-sajd u tiġi evitata konċentrazzjoni żejda tal-qbid u tal-isforz tas-sajd. Madankollu, is-sajd fis-subżoni 48.6 u 88.1 tal-FAO, u fid-diviżjoni 58.4.3a tal-FAO, meta permess skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament, għandu jkun ipprojbit f'fond ta' anqas minn 550 metru.

*Artikolu 29*
*Sajd għall-krill tal-Antartiku matul l-istaġun tas-sajd 2023–2024*

1. Għall-fini tal-Artikolu 5a tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, l-Istati Membri li jkun beħsiebhom jistadu għall-krill tal-Antartiku (*Euphausia superba*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR waqt l-istaġun tas-sajd 2023–2024, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-intenzjoni tagħhom sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2024, permezz tal-formola fil-Parti B tal-Appendiċi tal-Anness VII. B'deroga mill-iskadenzi stabbiliti fl-Artikolu 7(5) u (6) tar-Regolament (KE) Nru 601/2004, u abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha tissottometti n-notifiki lis-Segretarjat tas-CCAMLR sa mhux aktar tard mit-30 ta' Mejju 2024.

2. In-notifika msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandha tinkludi l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għal kull bastiment tas-sajd li għandu jiġi awtorizzat sabiex jipparteċipa fis-sajd għall-krill tal-Antartiku.

3. Stat Membru li jkun beħsiebu jistad għall-krill tal-Antartiku fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-CCAMLR għandu jinnotifika l-intenzjoni tiegħu li jagħmel dan biss fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd awtorizzati li, fil-ħin tan-notifika:

(a) itajru l-bandiera tiegħu; jew

(b) itajru l-bandiera ta' membru ieħor tas-CCAMLR u li jkunu mistennija li jtajru l-bandiera dak l-Istat Membru fiż-żmien li jseħħ is-sajd.

4. Meta bastiment tas-sajd awtorizzat innotifikat lis-Segretarjat tas-CCAMLR f'konformità mal-paragrafi 1, 2 u 3 jitwaqqaf milli jipparteċipa f'sajd għall-krill minħabba raġunijiet operazzjonali leġittimi jew minħabba force majeure, l-Istat Membru kkonċernat jista' jawtorizza s-sostituzzjoni tiegħu minn bastiment tas-sajd ieħor. F'każ bħal dan, l-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma minnufih lis-Segretarjat tas-CCAMLR b'kopja lill-Kummissjoni, u jipprovdi:

(a) dettalji sħaħ tal-bastiment(i) tas-sajd ta' sostituzzjoni maħsub(a), inkluża l-informazzjoni prevista fl-Artikolu 3(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 601/2004; u

(b) rendikont komprensiv tar-raġunijiet li jiġġustifikaw din is-sostituzzjoni u kwalunkwe evidenza jew referenza ta' appoġġ rilevanti.

## TAQSIMA 5
## IŻ-ŻONA TA' KOMPETENZA TAL-IOTC

### *Artikolu 30*
### *Limitazzjoni tal-kapaċità tas-sajd ta' bastimenti li jistadu fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC*

1. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għat-tonn tropikali fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stabbilit fil-punt 1 tal-Anness VIII.

2. L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni li jistadu għall-pixxispad (*Xiphias gladius*) u għall-alonga (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona ta' Kompetenza tal-IOTC u l-kapaċità korrispondenti f'tunnellaġġ gross għandhom ikunu kif stabbilit fil-punt 2 tal-Anness VIII.

3. L-Istati Membri jistgħu jallokaw mill-ġdid il-bastimenti tas-sajd li jkunu assenjati għal waħda mill-attivitajiet tas-sajd imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 lill-attività tas-sajd l-oħra, dment li jkunu jistgħu juru lill-Kummissjoni li tali bidla ma twassalx għal żieda fl-isforz tas-sajd fir-rigward tal-istokkijiet tal-ħut inkwistjoni.

4. Meta jiġi propost trasferiment ta' kapaċità lill-flotta ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jiżgura li l-bastimenti tas-sajd li għandhom jiġu ttrasferiti jkunu fuq ir-reġistru tal-IOTC ta' bastimenti awtorizzati jew fuq ir-reġistru ta' bastimenti ta' RFMOs oħrajn li jimmaniġġjaw is-sajd tat-tonn. Bastimenti tas-sajd li jidhru fuq kwalunkwe lista ta' bastimenti tal-RFMO li jkunu involuti f'attivitajiet ta' sajd IUU ma jistgħux jiġu ttrasferiti.

5. L-Istati Membri ma jistgħux iżidu l-kapaċità tas-sajd tagħhom lil hinn mil-livelli limitu msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għajr fil-limiti stabbiliti fil-pjanijiet ta' żvilupp li jkunu ġew ippreżentati lill-IOTC.

*Artikolu 31*
*Irkaptu mitluq għal riħu sabiex jinġema' l-ħut u bastimenti tal-provvista*

1. L-irkaptu mitluq għal riħu sabiex jinġema' l-ħut għandu jkun mgħammar b'bagi strumentati. L-użu ta' kwalunkwe baga oħra, bħal bagi bir-radju, għandu jkun ipprojbit.

2. Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandu jsegwi fl-ebda waqt aktar minn 300 baga operazzjonali.

3. Mhux aktar minn 500 baga strumentata għandhom jinkisbu kull sena għal kull bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża. Bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandu jkollu fl-ebda waqt aktar minn 500 baga strumentata (kemm maħżuna u kemm li jkunu qegħdin jitħaddmu).

4. Mhux aktar minn tliet bastimenti tal-provvista għandhom joperaw b'appoġġ ta' mhux anqas minn 10 bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża, li kollha jtajru l-bandiera ta' Stat Membru. Din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal Stati Membri li jużaw bastiment tal-provvista wieħed biss.

5. Bastiment tas-sajd wieħed bit-tartarun tal-borża ma għandu jingħata appoġġ fl-ebda waqt minn aktar minn bastiment wieħed tal-provvista li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru.

6. L-Unjoni ma għandhiex tirreġistra bastimenti tal-provvista ġodda jew addizzjonali fir-reġistru tal-bastimenti awtorizzati tal-IOTC.

## TAQSIMA 6
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-SPRFMO

*Artikolu 32*
*Sajd ta' ħut pelaġiku*

1. Huma biss dawk l-Istati Membri li eżerċitaw attivament attivitajiet tas-sajd ta' ħut pelaġiku fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO fl-2007, fl-2008 jew fl-2009 li jistgħu jistadu għal stokkijiet pelaġiċi f'dik iż-żona f'konformità mat-TACs stabbiliti fl-Anness IH.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jużaw l-opportunitajiet tas-sajd stabbiliti fl-Anness IH biss jekk jibagħtu l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni sal-15-il jum tax-xahar ta' wara, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tikkomunikaha lis-Segretarjat tal-SPRFMO:

   (a) lista ta' bastimenti li jistadu b'mod attiv jew li jkunu involuti fit-trażbord fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-SPRFMO;

   (b) rapporti tal-qabdiet ta' kull xahar.

## TAQSIMA 7
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAL-IATTC

*Artikolu 33*
*Sajd bit-tartaruni tal-borża*

1. Il-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża ma għandhomx jistadu għat-tonna safra (*Thunnus albacares*), għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) jew għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*):

(a) bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tad-29 ta' Lulju 2024 u 24.00 tat-8 ta' Ottubru 2024 jew bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tad-9 ta' Novembru 2024 u 24.00 tad-19 ta' Jannar 2025 fiż-żona definita mil-limiti li ġejjin:

– ix-xtut tal-Kontinent Amerikan li jmissu mal-Paċifiku,

– il-lonġitudni 150º W,

– il-latitudni 40º N,

– il-latitudni 40º S;

(b) bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tad-9 ta' Ottubru 2024 u 24.00 tat-8 ta' Novembru 2024 fiż-żona definita mil-limiti li ġejjin:

– il-lonġitudni 96º W,

– il-lonġitudni 110º W,

– il-latitudni 4º N,

– il-latitudni 3º S.

2. Għal kull wieħed mill-bastimenti tas-sajd imsemmija fil-paragrafu 1 u li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru, dak l-Istat Membru tal-bandiera għandu jinforma lill-Kummissjoni qabel l-1 ta' April 2024 dwar liema mill-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 1(a), il-bastiment tas-sajd ikun għażel.

3. Il-bastimenti bit-tartarun tal-borża li jistadu għat-tonn fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC għandhom iżommu abbord u wara jittrażbordaw jew iħottu l-art it-tonn isfar, it-tonn obeż u l-palamit kollu li jaqbdu.

4. Il-paragrafu 3 ma għandux japplika:

(a) meta l-ħut jitqies li ma huwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem minħabba kwalunkwe raġuni għajr ta' daqs;

(b) matul l-aħħar tefgħa ta' xibka ta' vjaġġ, meta jista' ma jkunx baqa' spazju biżżejjed sabiex jitqiegħed it-tonn kollu maqbud f'dik it-tefgħa.

*Artikolu 34*
*Irkaptu mitluq għal riħu sabiex jinġema' l-ħut*

1. Bastiment bit-tartarun tal-borża ma għandux ikollu aktar minn 400 FAD attiv fi kwalunkwe ħin fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC. FAD jitqies attiv meta jintuża fuq il-baħar, jibda jittrażmetti l-pożizzjoni tiegħu u jkun qiegħed jiġi segwit mill-bastiment, mis-sid jew mill-operatur tiegħu. FAD għandu jiġi attivat biss abbord bastiment bit-tartarun tal-borża.

2. Matul il-15-il jum qabel il-bidu tal-perjodu ta' għeluq magħżul f'konformità mal-Artikolu 33(1), il-punt (a), ta' dan ir-Regolament bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża għandu, fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC:

(a) jastjeni milli jqiegħed irkaptu sabiex jinġema' l-ħut;

(b) jirkupra l-istess numru ta' FADs kif imqiegħda inizjalment.

*Artikolu 35*

*Limiti ta' qbid għat-tonn obeż fl-attivitajiet tas-sajd bil-konz*

Il-qabdiet annwali totali tat-tonn obeż fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC mill-bastimenti tas-sajd bil-konz ta' kull Stat Membru huma stabbiliti fl-Anness IL.

*Artikolu 36*

*Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi*

1. Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-klieb il-baħar bil-qarnuna bajda oċeaniċi (*Carharhinus longimanus*) fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC, u ż-żamma abbord, it-trażbord, il-ħatt l-art, il-ħżin, l-offerta għall-bejgħ jew il-bejgħ ta' kwalunkwe parti minn karkassa jew tal-karkassa sħiħa tal-klieb il-baħar tal-qarnuna bajda oċeaniċi maqbuda f'dik iż-żona.

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, ma għandhiex issir ħsara lill-eżemplari tal-klieb il-baħar bil-qarnuna bajda oċeaniċi u għandhom jintefgħu l-baħar minnufih mill-operaturi tal-bastimenti tas-sajd.

3. L-operaturi tal-bastiment tas-sajd għandhom jirreġistraw in-numru ta' ħut li jinħeles u l-indikazzjoni tal-istatus (mejjet jew ħaj) u jirrapportaw dik l-informazzjoni lill-Istat Membru li huma ċittadini tiegħu. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu dik l-informazzjoni miġbura matul l-2023 lill-Kummissjoni sal-31 ta' Jannar 2024.

*Artikolu 37*

*Projbizzjoni tas-sajd għar-raj tal-qrun*

Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tal-Konvenzjoni tal-IATTC ma għandhomx jistadu għar-raj tal-qrun (il-familja *Mobulidae*, inklużi l-ġeneri *Manta* u *Mobula*) u ma għandhomx iżommu abbord, jittrażbordaw, iħottu l-art, jaħżnu, joffru għall-bejgħ jew ibigħu kwalunkwe parti minn karkassa jew karkassa sħiħa ta' raj tal-qrun maqbud f'dik iż-żona. Hekk kif jindunaw li nqabdu r-raj tal-qrun, huma għandhom jeħilsuhom minnufih, meta jkun possibbli ħajjin u mingħajr ma ssirilhom ħsara.

## [Taqsima 8
## Iż-żona tal-Konvenzjoni tal-SEAFO

*Artikolu 38*

*Projbizzjoni tas-sajd għall-klieb il-baħar tal-fond*

Għandu jkun ipprojbit is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO:

(a) il-gattarell fantażma (*Apristurus manis*);

(b) il-mazzola tal-fanal Bigelow (*Etmopterus bigelowi*);

(c) il-mazzola tal-fanal ta' denb qasir (*Etmopterus brachyurus*);

(d) il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*);

(e) il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*);

(f) ir-rebekkini (*Rajidae*);

(g) il-kelb il-baħar bellusi (*Scymnodon squamulosus*);

(h) il-klieb il-baħar tas-superordni *Selachimorpha*;

(i) il-mazzola griża (*Squalus acanthias*).]

## [TAQSIMA 9
## IŻ-ŻONA TAL-KONVENZJONI TAD-WCPFC

*Artikolu 39*
*Kundizzjonijiet għas-sajd tat-tonna obeża, it-tonna safra, il-palamita u l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ma jiġux allokati aktar minn 403 ijiem ta' sajd għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża għat-tonn obeż (*Thunnus obesus*), għat-tonna safra (*Thunnus albacares*) u għall-palamit (*Katsuwonus pelamis*) fil-parti taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab fl-ibħra internazzjonali ta' 20° S.

2. Il-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni ma għandhomx ikollhom fil-mira l-alonga tan-Nofsinhar tal-Paċifiku (*Thunnus alalunga*) fiż-Żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab fin-Nofsinhar ta' 20º S.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tat-tonn obeż (*Thunnus obesus*) bil-konzijiet fl-2024 ma jaqbżux il-limiti stabbiliti fit-tabella 1 tal-Anness IG.

*Artikolu 40*
*Ġestjoni ta' sajd bl-FADs*

1. Fil-parti taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S, huwa pprojbit għall-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża li jqiegħdu, jimmanipulaw jew jpoġġu xbieki madwar l-FADs bejn il-ħinijiet ta' 00:00 tal-1 ta' Lulju 2024 u 24:00 tat-30 ta' Settembru 2024.

2. Minbarra l-projbizzjoni stipulata fil-paragrafu 1, huwa pprojbit li wieħed ipoġġi xbieki madwar l-FADs fl-ibħra miftuħa taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC li tinsab bejn 20° N u 20° S għal xahrejn addizzjonali, jew bejn il-ħinijiet ta' 00.00 tal-1 ta' April 2024 sa 24:00 tal-31 ta' Mejju 2024, jew minn 00:00 tal-1 ta' Novembru 2024 sa 24:00 tal-31 ta' Diċembru 2024.

3. Kull Stat Membru kkonċernat għandu jiddetermina liema mill-perjodi ta' għeluq imsemmija fil-paragrafu 2 għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd b'tartarun tal-borża li jtajru l-bandiera tiegħu. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Frar 2024 dwar il-perjodu ta' għeluq magħżul. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lis-segretarjat tad-WCPFC dwar il-perjodi ta' għeluq magħżula mill-Istati Membri qabel l-1 ta' Marzu 2024.

4. Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-ebda wieħed mill-bastimenti tas-sajd bit-tartarun tal-borża tiegħu ma jqiegħed fuq il-baħar, fi kwalunkwe ħin, aktar minn 350 FAD bil-bagi strumentati attivati. Il-bagi għandhom jiġu attivati esklużivament abbord bastimenti tas-sajd b'tartarun tal-borża.

*Artikolu 41*
*Għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad*

L-għadd massimu ta' bastimenti tas-sajd tal-Unjoni awtorizzati għas-sajd tal-pixxispad (*Xiphias gladius*) f'żoni fin-Nofsinhar ta' 20° S taż-żona tal-Konvenzjoni tad-WCPFC għandu jkun kif stabbilit fl-Anness IX.

*Artikolu 42*
*Limiti ta' qbid għall-pixxispad fis-sajd bil-konz fin-Nofsinhar ta' 20° S*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qabdiet tal-pixxispad (*Xiphias gladius*) fin-Nofsinhar ta' 20° S mill-bastimenti tas-sajd bil-konz fl-2024 ma jaqbżux il-limitu stabbilit fit-tabella 2 tal-Anness IG. Huma għandhom jiżguraw ukoll li dan ma jirriżultax f'bidla fl-isforz tas-sajd għall-pixxispad lejn iż-żona fit-Tramuntana ta' 20° S.]

## TAQSIMA 10
## IL-BAĦAR BERING

*Artikolu 43*
*Projbizzjoni ta' sajd fl-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering*

Għandu jkun ipprojbit is-sajd għall-pollakkju iswed (*Gadus chalcogrammus*) fl-ibħra internazzjonali tal-Baħar Bering.

## TAQSIMA 11
## IŻ-ŻONA TAL-FTEHIM TAS-SIOFA

*Artikolu 44*
*Limiti għas-sajd tal-qiegħ*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu fiż-Żona tal-Ftehim tas-SIOFA:

(a) jillimitaw l-isforz annwali tas-sajd tal-qiegħ tagħhom għal-livell stabbilit fl-Anness X;

(b) ma jwettqux sajd tal-qiegħ ħlief jekk jużaw konz tal-qiegħ; u

(c) ma jistadux fiż-żoni protetti b'mod temporanju ta' Atlantis Bank, Coral, Fools Flat, Middle of What u Walter's Shoal, kif definit fl-Anness IK, ħlief bil-konz tal-qiegħ u bil-kundizzjoni li jkollhom osservatur xjentifiku abbord il-ħin kollu meta jkunu qegħdin jistadu f'dawk iż-żoni.

*Artikolu 45*
*Miżuri tas-sajd għat-tonn*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jistadu għall-pixxisinna (*Dissostichus* spp.) fiż-Żona tal-Ftehim tas-SIOFA:

(a) ma jistadux f'fond ta' aktar minn 500 metru;

(b) ikollhom mill-inqas osservatur xjentifiku wieħed abbord f'kull ħin li għandu jkollu mira li josserva 25 % tas-snanar maqbuda f'kull linja matul id-durata tal-użu tas-sajd; u

(c) jimmarka u jirrilaxxa eżemplari tal-pixxisinna b'rata ta' mill-inqas 5 ħutiet għal kull tunnellata ta' piż ħaj li jinqabad. Għandha tapplika statistika minima sovrapposta ta' mill-inqas 60 % għar-rilaxx tat-tikketti, ladarba jkunu nqabdu 30 pixxisinna jew aktar.

*Artikolu 46*
*Projbizzjoni fuq l-immirar għall-klieb il-baħar tal-fond*

Għandu jkun ipprojbit is-sajd dirett għall-klieb il-baħar tal-fond li ġejjin fiż-Żona tal-Ftehim tas-SIOFA:

(a) Il-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*), ħlief fil-kuntest tal-kwantità awtorizzata ta' qabdiet aċċessorji kif stabbilit fl-Anness IK;

(b) il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calceus*);

(c) iż-żagħrun (Centrophorus granulosus);

(d) il-murruna sewda (*Dalatias licha*);

(e) il-gattarell ta' Bach (*Bythaelurus bachi*);

(f) il-kimera dark-mouth (*Chimaera buccanigella*);

(g) il-kimera Falkor (*Chimaera didierae*);

(h) is-seafarer's ghostshark (*Chimaera willwatchi*);

(i) il-mazzola bellusija mneħirha twil (*Centroselachus crepidater*);

(j) il-kelb il-baħar plunket (*Scymnodon plunketi*);

(k) il-kelb il-baħar bellusi (*Zameus squamulosus*);

(l) il-mazzola tal-fanal whitecheek (*Etmopterus alphus*);

(m) il-gattarell ta' żaqqu żgħira (*Apristurus indicus*);

(n) il-fenek tal-baħar bentnose (*Harriota raleighana*);

(o) il-gattarell narrowhead (*Bythaelurus tenuicephalus*);

(p) il-kelb il-baħar tal-frilli (*Chlamydoselachus anguineus*);

(q) il-muruna ta' sitt garġi (*Hexanchus nakamurai*);

(r) il-mazzola tal-fanal minuri (*Etmopterus pusillus*);

(s) il-kelb il-baħar tan-nofsinhar (*Somniosus antarcticus*);

(t) il-kelb il-baħar goblin (*Mitsukurina owstoni*)

(u) il-mazzola tal-fanal b'għajn blu (*Etmopterus viator*);

(v) il-mazzola tal-fanal Bigelow (*Etmopterus bigelowi*);

(w) il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*);

(x) il-mazzola tax-xewka (*Centrophorus uyato*);

(y) il-mazzola tal-fanal ta' denb qasir (*Squalus mitsukurii*);

(z) il-mazzola tal-fanal (*Deania quidrispinosa*);

(aa) il-mazzola tal-arrowda (*Deania profundorum*)

(ab) il-kimera mneħirha dejjaq (*Harriotta raleighana*);

(ac) ir-rebekkin ta' Cristina (*Batyraja tunae*);

(ad) il-kimera paddlenose (*Rhinochimaera africana*).

# TITOLU III
# OPPORTUNITAJIET TAS-SAJD
# GĦAL BASTIMENTI TA' PAJJIŻI TERZI FL-ILMIJIET TAL-UNJONI

*Artikolu 47*

*Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u bastimenti tas-sajd irreġistrati fil-Gżejjer Faeroe*

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tan-Norveġja u l-bastimenti tas-sajd li huma rreġistrati fil-Gżejjer Faeroe jistgħu jkunu awtorizzati jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni soġġetti għat-TACs stabbiliti fl-Anness I, u soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2017/2403.

*Artikolu 48*

*Fil-każ ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit, irreġistrati fir-Renju Unit, fil-Bailiwick ta' Guernsey, fil-Bailiwick ta' Jersey jew fl-Isle of Man, u liċenzjati minn amministrazzjoni tas-sajd tar-Renju Unit*

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit, irreġistrati fir-Renju Unit, fil-Bailiwick ta' Guernsey, fil-Bailiwick ta' Jersey jew fl-Isle of Man, u liċenzjati minn amministrazzjoni tas-sajd tar-Renju Unit jistgħu jkunu awtorizzati jistadu fl-ilmijiet tal-Unjoni soġġetti għat-TACs stabbiliti fl-Anness I, u soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fir-Regolament (UE) 2017/2403.

*Artikolu 49*

*Trasferimenti u skambji tal-kwoti mar-Renju Unit*

1. Kwalunkwe trasferiment jew skambju ta' kwoti bejn l-Unjoni u r-Renju Unit għandu jsir f'konformità ma' dan l-Artikolu.

2. Stat Membru li jkollu l-ħsieb li jittrasferixxi jew jiskambja kwoti mar-Renju Unit jista' jiddiskuti mar-Renju Unit deskrizzjoni tat-trasferiment jew tal-iskambju tal-kwoti. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bid-deskrizzjoni.

3. Fil-każ li l-Kummissjoni tapprova deskrizzjoni ġenerali tat-trasferiment jew tal-iskambju tal-kwoti msemmija fil-paragrafu 2 innotifikata mill-Istat Membru kkonċernat, hija għandha tesprimi, mingħajr dewmien żejjed, il-kunsens li tkun marbuta b'tali trasferiment jew skambju tal-kwoti. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lir-Renju Unit u lill-Istati Membri bit-trasferiment jew skambju ta' kwoti miftiehem.

4. L-opportunitajiet tas-sajd irċevuti minn jew ittrasferiti lejn ir-Renju Unit taħt it-trasferiment jew skambju ta' kwoti miftiehem għandhom jitqiesu bħala kwoti miżjuda lil, jew imnaqqsa minn, l-allokazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat mill-mument li t-trasferiment jew l-iskambju tal-kwoti jkun ġie nnotifikat f'konformità

mal-paragrafu 3. Tali trasferimenti u skambji ma għandhomx ibiddlu l-iskema ta' distribuzzjoni eżistenti għall-fini tal-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri f'konformità mal-prinċipju ta' stabbiltà relattiva tal-attivitajiet tas-sajd.

*Artikolu 50*

*Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela*

Il-bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-Venezwela għandhom ikunu soġġetti għall-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament u fit-Titolu III tar-Regolament (UE) 2017/2403 u d-dispożizzjonijiet tiegħu.

*Artikolu 51*

*L-awtorizzazzjonijiet tas-sajd*

In-numru massimu ta' awtorizzazzjonijiet tas-sajd għal bastimenti ta' pajjiżi terzi li joperaw fl-ilmijiet tal-Unjoni għandu jkun kif stabbilit fil-Parti B tal-Anness V.

*Artikolu 52*

*Il-kundizzjonijiet għall-ħatt l-art ta' qabdiet u ta' qabdiet aċċessorji*

Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw għall-qabdiet u għall-qabdiet aċċessorji ta' bastimenti ta' pajjiżi terzi li jistadu skont l-awtorizzazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 51 ta' dan ir-Regolament.

*[L-Artikolu 53 ta' dan ir-Regolament se jiġi aġġornat wara konsultazzjonijiet tal-Unjoni ma' pajjiżi terzi.]*

*Artikolu 53*

*Speċijiet ipprojbiti*

1. Il-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi ma għandhomx jistadu għal, iżommu abbord, jittrażbordaw jew iħottu l-art l-ispeċijiet li ġejjin meta dawn ikunu jinsabu fl-ilmijiet tal-Unjoni:

   (a) ir-raja tal-kwiekeb (*Amblyraja radiata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjonijiet 3a u 7d tal-ICES; u l-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4;

   (b) ir-rebekkin skur (*Dipturus batis*) kumpless (*Dipturus* cf. *flossada* u *Dipturus* cf. *intermedia*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 3, 4 u 6 sa 10 tal-ICES;

   (c) il-kelb il-baħar (*Galeorhinus galeus*) meta jittieħed b'konzijiet fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 4 u 6 sa 8 tal-ICES;

   (d) il-murruna sewda (*Dalatias licha*), il-mazzola munqar l-għasfur (*Deania calceus*), il-leafscale gulper shark (*Centrophorus squamosus*), il-mazzola tal-fanal maġġuri (*Etmopterus princeps*) u l-mazzola Portugiża (*Centroscymnus coelolepis*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżona 4 tal-ICES;

   (e) il-pixxiplamtu (*Lamna nasus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni kollha;

   (f) ir-raja tal-fosos (*Raja clavata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tad-diviżjoni 3a tal-ICES;

   (g) ir-raja ondjata (*Raja undulata*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tas-subżoni 6, u 10 tal-ICES;

   (h) il-vjolin (*Rhinobatos rhinobatos*) fl-ilmijiet tal-Unjoni tal-Mediterran;

(i) il-kelb balena (*Rhincodon typus*) fl-ilmijiet tal-Unjoni kollha;

2. Meta jinqabdu aċċidentalment, l-eżemplari msemmija fil-paragrafu 1 ma għandux issirilhom ħsara u għandhom jinħelsu immedjatament.

# TITOLU IV
# DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 54*
*Emendi għar-Regolament (UE) 2023/194*

L-Anness IA, il-Parti F, tar-Regolament (UE) 2023/194 huwa emendat f'konformità mal-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 55*
*Proċedura ta' Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna mill-Kumitat għas-Sajd u l-Akkwakultura stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1380/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 56*
*Dispożizzjonijiet tranżizzjonali*

L-Artikoli 9 sa 13, 15 sa 18, 22, 25, 36 sa 38, 43, 46 u 53 għandhom ikomplu japplikaw, *mutatis mutandis*, fl-2025 sad-dħul fis-seħħ tar-Regolament li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd għall-2025.

*Artikolu 57*
*Dħul fis-seħħ u applikazzjoni*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2024. Madankollu:

(a) L-Artikolu 12(1) u 12(6), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Marzu 2025;

(b) L-Artikolu 12(2) sa (5) għandu japplika mill-1 ta' April 2024 sal-31 ta' Marzu 2025;

(c) L-Artikolu 21 għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Jannar 2025;

(d) L-Artikoli 27, 28 u 29, u l-Anness VII għandhom japplikaw mill-1 ta' Diċembru 2023 sat-30 ta' Novembru 2024;

(e) L-Artikolu 26(2) għandu japplika mis-17 ta' Diċembru 2023 sal-31 ta' Diċembru 2024;

(f) L-Artikolu 33(1), il-punt (a), għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2024 sad-19 ta' Jannar 2025;

(g) L-Anness I għandu japplika wkoll għas-sena 2025 u 2026, meta speċifikat f'dak l-Anness;

(h) L-Anness IK għandu japplika mill-1 ta' Diċembru 2023 sat-30 ta' Novembru 2024, meta speċifikat f'dak l-Anness;

(i) L-Anness II għandu japplika mill-1 ta' Frar 2024 sal-31 ta' Jannar 2025;

(j) [Id-daqs massimu ta' referenza għall-konservazzjoni tal-mazzola griża (DGS/03 A-C, DGS/2AC4-C u DGS/15X14) ma għandux jibqa' japplika fid-data li fiha jsir applikabbli att delegat li jintroduċi miżuri korrispondenti u li jirregola t-trattament tal-qabdiet ta' dawk l-istokkijiet ta' aktar minn 100 cm.]

(k) Il-limiti tal-qbid u tal-isforz stabbiliti minn dan ir-Regolament għas-sena 2024 u, fejn speċifikat f'dan ir-Regolament, ukoll għas-snin 2025 u 2026, għandhom ikomplu japplikaw fl-2025, u fejn rilevanti fl-2026 u fl-2027, esklussivament għall-finijiet ta';

   (i) l-iskambji skont l-Artikolu 16(8) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013;

   (ii) it-tnaqqis u r-riallokazzjonijiet skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009;

   (iii) il-kwantitajiet miżmuma f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 847/96 u l-Artikolu 15(9) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013; u

   (iv) it-tnaqqis skont l-Artikoli 105, 106 u 107 tar-Regolament (KE) Nru 1224/2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*